GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-FINANZI

# Diskors tal-Budget
# 2025

Sur Clyde Caruana
Ministru għall-Finanzi
Malta
28 ta' Ottubru, 2024

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi,
Triq in-Nofsinhar,
Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25998259
Sit Elettroniku: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-publikazzjoni**

**Malta.** Ministeru għall-Finanzi
Diskors tal-Budget, 2025 / Clyde Caruana.
Valletta: Ministeru għall-Finanzi, 2024

ISBN: 978-99957-58-81-1

1. Budget - Malta
I. Titlu II. Clyde Caruana

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni,
3, Pjazza Kastilja,
Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22001700

Mitbugħ fl-iStamperija tal-Gvern
Prezz: **€2.00**

# Werrej

pağna


Introduzzjoni ........................................................ 1

Kapitlu 1 - L-andament u t-tbassir ekonomiku ........................ 10

Kapitlu 2 - Inżidu d-dħul tal-familji ............................... 15

Kapitlu 3 - Ekonomija b'saħħitha b'ruħ soċjali ...................... 20

Kapitlu 4 - L-għaqal fit-tmexxija tal-finanzi ....................... 43

Kapitlu 5 - Inkomplu ninvestu fin-nies .............................. 49

Kapitlu 6 - Kwalità ta' ħajja aħjar ................................. 58

Konklużjoni ......................................................... 86

# Introduzzjoni

Sur President,

Għal sena oħra dan il-Gvern qed jiġi quddiem il-poplu b'budget ieħor pożittiv, b'tisħiħ ta' miżuri soċjali u li joffri lill-pajjiż futur ekonomiku b'saħħtu.

Is-soltu, Sur President, imdorrijin nisimgħu li dan se jkun budget bla żieda fit-taxxi jew taxxi ġodda.

**Din is-sena kburi ngħid li mhux talli se jkun hekk, iżda aktar minn hekk, se jkun budget li se jnaqqas it-taxxi.**

Dan se nagħmluh mhux biss għax din hija wegħda elettorali ta' dan il-Gvern, iżda għaliex l-ekonomija tagħna qed tkompli tħalli r-riżultati.

It-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul li se tiġi ppreżentata llum qed tiġi implimentata f'kuntest fejn id-defiċit tal-pajjiż qed jiġi mmaniġġjat 'l isfel u fejn qed nagħmlu dan b'pass iktar mgħaġġel minn dak rikjest mill-Kummissjoni Ewropea.

**Qed isir f'kuntest fejn il-pensjonijiet se jerġgħu jogħlew anke din is-sena.**

**F'kuntest li qed nibqgħu, għal sena oħra, nipproteġu lill-familji u n-negozji mill-kontijiet ogħla tal-enerġija.**

**F'kuntest li se nibqgħu nipproteġu lill-pajjiż minn prezzijiet ogħla tal-fjuwils.**

Kburi ngħid li dan il-pajjiż kien l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għamel dan kollu.

L-ebda pajjiż Ewropew ieħor ma ta l-appoġġ daqs dan fl-enerġija, l-ebda pajjiż ma baqa' iżid is-servizzi soċjali, l-ebda pajjiż mhu se jnaqqas it-taxxi.

Pajjiżi oħra Ewropej qed jiffaċċjaw sfidi kbar.

F'Malta, b'għaqal u b'responsabbiltà, qed nibqgħu nsaħħu l-ekonomija u l-finanzi ta' pajjiżna.

**Konna hemm għalik.**

**Konna hemm għan-nies.**

**Konna hemm għan-negozji.**

Ħadna d-deċiżjonijiet tajbin u konna qed inħarsu lejn il-futur meta tajna għajnuna lin-negozji waqt il-pandemija u salvajna l-impjiegi. Il-futur li rajna dakinhar ġie u llum qed naqtgħu dak il-frott.

Kieku żarmajna n-negozji waqt il-pandemija billi ma ngħatax appoġġ, kieku llum qegħdin fl-istess ilmijiet ta' pajjiżi Ewropej oħra.

Konna hemm għalik meta ħadna deċiżjonijiet fuq l-għoli tal-ħajja fejn tajna l-appoġġ meħtieġ lil dawk il-familji vulnerabbli u ħadna miżuri biex inrażżnu l-inflazzjoni.

Peró, Sur President, dan kollu wassal għal sfidi ġodda.

Esternalitajiet ekonomiċi li qed iħallu impatt fuq il-livell tal-għajxien tan-nies.

L-aċċess tas-settur privat għal ħaddiema barranin ġejjin minn pajjiżi terzi wara l-pandemija ħoloq ineffiċjenzi fl-ekonomija, u llum nistgħu anke nsejħulha dipendenza.

Din ma tejbitx il-produttività normalment assoċjata ma' tkabbir ekonomiku, speċjalment f'ċertu sezzjonijiet tal-ekonomija.

Dan wassal għal kwantità iktar milli kwalità - u llum l-isfidi li nitkellmu fuqhom fit-traffiku, fl-infrastruttura u fis-saħħa fost l-oħrajn ġejjin minn din il-mismatch fejn l-infrastruttura mhux tlaħħaq mad-domanda tal-pajjiż u l-ekonomija li qiegħda tikber.

Allura mhix kwistjoni biss tal-valur tal-produttività imma anke l-valur li ħaddiem b'ħiliet baxxi minn pajjiż terz qed jagħti lura lill-ekonomija.

L-użu u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tagħna, fosthom it-toroq, l-użu tas-servizz tas-saħħa, tat-trasport u l-affarijiet l-oħra kollha jiġu b'kont.

Irridu nsaqsu lilna nfusna jekk dak il-prezz hux joffri valur għall-pajjiż, jew għat-taxpayer, jew hux prezz li qed iħallas it-taxpayer għall-ineffiċjenzi u n-nuqqas ta' produttività.

Il-futur ma jistax jinbena fuq il-volum, speċjalment f'pajjiż żgħir bħal tagħna.

Il-futur irid ikun mibni fuq il-kwalità tal-prodotti u tas-servizzi u l-produttività tagħna.

Dan kollu jrid jingħad b'żewġ premessi importanti.

Il-kwistjoni mhix in-nazzjonalità, iżda l-ħiliet.

Pajjiżi madwar l-Ewropa jikkompetu ma' xulxin biex jiġbdu lejhom l-aħjar talenti u nies bl-ogħla edukazzjoni. Dan il-pajjiż f'dik it-tiġrija jrid jidħol, u mhux tiġrija fuq min se jġib l-iktar ħaddiema barranin b'ħiliet baxxi.

It-tieni premessa hija li għalkemm isiru argumenti tekniċi u ekonomiċi bi kliem bħall-importazzjoni tal-ħaddiema, dawn huma nies umani bħalna, tad-demm u l-laħam. Dawn jiġu mistiedna minn min iħaddem biex jiġu jaħdmu f'pajjiżna.

Bħala Gvern Soċjalista allaħares jasal il-punt fejn dak l-abbuż b'xi mod ngħattu għajnejna għalih, anzi huwa dmirna li niġġildulu bil-qawwa kollha.

Din l-isfida hija kruċjali għax timpatta s-sostenibbiltà tal-pajjiż.

L-iżvilupp sostenibbli jfisser li nikkunsidraw kemm il-valur ekonomiku kif ukoll l-impatt soċjali u ambjentali għal pajjiżna.

L-għan m'għandux ikun biss li nkomplu niġġeneraw il-ġid, iżda li noħolqu soċjetà li tgħix aħjar u tgħix serenament.

Il-Gvern se jkun qed jindirizza din l-isfida fil-ġimgħat li ġejjin permezz ta' politika għall-migrazzjoni ekonomika. Din il-politika trid tkun ibbażata fuq rispett lejn il-ħaddiema kollha iżda fuq kollox fuq il-ħtiġijiet ta' pajjiżna u tal-poplu, u ta' ħadd iktar.

Għalhekk dan il-budget huwa budget li jħares lejn pajjiż ta' kwalità.

Biex din il-bidla fis-suq tax-xogħol isseħħ iridu jallinijaw magħha diversi setturi tal-ekonomija u tal-pajjiż. Din id-direzzjoni tal-Gvern trid tkun ikkomunikata u direzzjonata b'mod stabbli u konsistenti.

Oqsma bħall-iżvilupp tal-infrastruttura, l-edukazzjoni, proġetti relatati ma' turiżmu u investiment dirett barrani ġdid iridu jiġu f'sintonija ma' dawn il-bidliet.

Nitilfu r-reputazzjoni ta' pajjiżna jekk dan ma jsirx għaliex investitur jitfa' piż qawwi fuq il-prevedibbiltà tal-politika tal-Gvern u tal-ekonomija, li jkun hemm direzzjoni waħda u stabbli.

Iżda dawn huma bidliet li jridu jsiru.

Il-Gvern kommess li jaħdem id f'id mas-settur privat biex dan isir b'mod kawt iżda rapidu li jwassal għal riżultati tajbin.

Ir-riżultat għandu jkun kwalità iktar milli kwantità, li jwassal għal livell ta' għajxien u kwalità ta' ħajja aħjar.

Fl-edukazzjoni, irridu nkomplu nagħmlu enfasi fuq it-tkomplija ta' edukazzjoni dejjem iżjed għolja.

L-ekonomija ta' għada, mhux ta' Malta biss, se tkun dipendenti fuq teknoloġija avvanzata u inġinerija moderna.

Il-wasla tal-intelliġenza artifiċjali se ġġib magħha era ġdida u taqliba li rajna bħalha fis-snin 90 bl-internet.

Jekk naqbdu xi ħaġa bażika bħall-karozza, il-mudell ta' produzzjoni madwarha diġà qed jinbidel.

Workshop ta' mekkanik mimli żejt se jinbidel għal tekniċi tal-IT.

Fl-Istati Uniti u fiċ-Ċina diġà qed naraw taxis li jwasslu l-passiġġiera mingħajr xufiera. Kollox awtomatizzat. Id-data science f'dan il-qasam - kif timmaniġġja l-influss tat-traffiku - qed narawha tiġi marbuta mal-ippjanar urban u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura.

Dan eżempju wieħed biss, f'setturi oħra l-istess bidliet qed naraw.

Dan mhux il-futur, iżda l-preżent.

Jekk pajjiżna jrid jersaq lejn il-kwalità, irridu l-aqwa mħuħ Maltin u Għawdxin jaħdmu f'dawn l-oqsma.

Hemm diġà start-ups u persuni Maltin jaħdmu fuq hekk u lil dawn irridu nħeġġuhom ikomplu.

Irridu ntuhom l-għodda biex jikbru anke lil hinn minn pajjiżna.

Għalhekk il-kwalità hija sinonima mal-edukazzjoni u dan il-Gvern investa fiha sena wara sena.

Din is-sena iktar minn qatt qabel permezz ta' ftehim ġdid mal-għalliema li tejjeb b'mod qawwi l-kundizzjonijiet tagħhom.

Ma rridux nibżgħu mill-futur u m'għandniex naqgħu fin-nassa tal-protezzjoniżmu.

Iż-żgħażagħ tagħna lesti iktar milli naħsbu għal dan il-futur. Irridu nieħdu ħsieb li inizjattivi bħal dawn li ser insemmi jidħlu fis-seħħ b'sens ta' appoġġ għal min jiġi impattat b'mod negattiv, b'miżuri bħal re-skilling, up-skilling u miżuri soċjali oħra, biex kulħadd ikollu futur tajjeb.

L-istess fit-turiżmu, fejn irridu naraw in-nefqa fil-pajjiż iktar milli volum ta' turisti.

L-istess fl-inċentivi ekonomiċi u għajnuniet li noffru lill-investituri lokali u barranin.

Fil-passat, li jiġi investitur u jgħidilna se jħaddem 200 ruħ, kienet soluzzjoni għall-problema.

Illum kważi toħloq problema jekk il-livell fil-ħiliet tal-ħaddiema huwa baxx.

Dak huwa l-istat ta' żvilupp tal-ekonomija tagħna.

Għalhekk irridu nallinijaw mal-bżonnijiet tal-ekonomija.

Għalhekk irridu nsaqsu, xi kwalità ta' impjiegi se jġib miegħu dan l-investiment?

X'valur se joffri lill-pajjiż?

Il-messaġġ tal-poplu huwa li l-progress ma jitkejjilx bil-flus biss imma bil-kwalità tal-ħajja wkoll.

Qed nifhmu n-nies meta jgħidulna li jridu iżjed kontroll, ordni u regolamenti li jkunu infurzati fis-suq tax-xogħol.

Dawn is-sentimenti joħorġu b'mod ċar minn diversi faxex differenti tal-pajjiż u jridu jiġu indirizzati.

Dan il-Gvern ħa ħsieb il-but tiegħek fi żmien iebes.

Dan il-Gvern ħa ħsieb il-vulnerabbli b'miżuri soċjali.

Wasal iż-żmien li naqilbu l-paġna biex dan il-pajjiż issa jħares lejn il-kwalità u mhux il-kwantità.

# KAPITLU 1. L-ANDAMENT U T-TBASSIR EKONOMIKU

Sur President,

L-iżviluppi li jseħħu madwar id-dinja, kemm jekk huma ta' natura ekonomika, kemm jekk huma ta' natura fiskali u anke dawk politiċi, jinfluwenzaw lill-pajjiżi kollha, inkluż lil Malta. B'hekk qabel ma nitkellem dwar l-andament u t-tbassir ekonomiku ta' pajjiżna, ser nagħti ħarsa lejn l-ambjent ekonomiku globali u dak fl-Unjoni Ewropea sabiex nifhmu aħjar x'inhuma r-realtajiet ta' madwarna.

## L-andament globali u fl-UE

Id-dinja rnexxielha tevita riċessjoni s-sena li għaddiet.

Infatti, minkejja li diversi istituzzjonijiet globali kienu qed ikunu kemmxejn pessimisti fit-tbassir tagħhom, fl-2023 l-ekonomija globali rreġistrat tkabbir ekonomiku ta' 3.3%, filwaqt li l-inflazzjoni bdiet it-triq tan-niżla lura għall-mira ta' 2.0%. Skont it-tbassir tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) ta' Lulju, l-attività ekonomika globali mistennija tibqa' stabbli hekk kif mistennija tikber għal 3.2% fl-2024 u 3.3% fl-2025.

Madanakollu, dan ma jfissirx li kollox ward u żahar hekk kif dawn il-figuri jaħbu l-fatt li hemm diverġenzi qawwija bejn il-pajjiżi. Il-prestazzjoni reċenti tal-Istati Uniti kienet il-mutur ewlieni tat-tkabbir globali, fejn l-ekonomija kibret bi 2.5% fl-2023 u mistennija tikber bi 2.6% fl-2024. Għall-kuntrarju ta' dan,

l-ekonomija tar-Renju Unit tinsab dgħajfa u mistennija tikber minn 0.1% fl-2023 għal 0.7% fl-2024.

Barra minn hekk, ċerti sfidi xorta mistennija jippersistu. Dawn jinkludu l-inflazzjoni, li għalkemm qiegħda tieħu xejra 'l isfel xorta qiegħda tippersisti, iż-żidiet fir-rati tal-imgħax reali, l-isfidi tat-tibdil fil-klima kif ukoll id-diżgwid sfortunat li għaddej fil-Lvant Nofsani. Apparti minn hekk, prospetti ta' tkabbir fuq terminu medju mistennija jibqgħu storikament dgħajfa.

Fl-2023, l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea staġnat, hekk kif anke xi ekonomiji esperjenzaw riċessjoni ħafifa, parzjalment minħabba l-effetti fit-tul tal-prezzijiet tal-enerġija, li kellhom impatt sproporzjonat fuq l-ekonomiji Ewropej. Iżda, fil-bidu tal-2024, l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea bdiet turi sinjali ta' rkupru, immexxi mill-konsum privat li kien megħjun miż-żieda fid-dħul reali hekk kif l-inflazzjoni kompliet timmodera. Infatti, skont tbassir tal-Kummissjoni Ewropea, l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea mistennija tikber b'1.0% u 1.6% fl-2024 u l-2025 rispettivament. Filwaqt li l-ekonomija taż-żona tal-ewro mistennija tikber b'0.8% fl-2024 u 1.4% fl-2025.

Skont l-istess tbassir, Malta mistennija tesperjenza l-ikbar tkabbir ekonomiku fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin. L-inflazzjoni hija mbassra li tkompli tonqos fejn fl-Unjoni Ewropea mistennija tonqos minn 6.4% fl-2023, għal 2.7% fl-2024 u 2.2% fl-2025.

## L-andament f'pajjiżna u t-tbassir ekonomiku

Minkejja l-isfidi kollha li għaddejjin madwar id-dinja u l-isfidi miżjuda riżultat tal-insularità li tkun gżira, pajjiżna esperjenza l-akbar tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea fl-2023. It-tkabbir ekonomiku nazzjonali kien ta' 7.5%, 7.1 punti perċentwali iktar minn dak tal-Unjoni Ewropea. Il-mutur ewlieni ta' dan it-tkabbir kienet l-esportazzjoni netta.

Fl-ewwel nofs ta' din is-sena, l-ekonomija ta' Malta baqgħet turi prestazzjoni b'saħħitha, hekk kif il-Prodott Domestiku Gross (PDG) reali kiber b'5.9%, filwaqt li l-PDG nominali kiber b'9.6%, immexxija primarjament mid-domanda domestika.

Matul l-2023, is-suq tax-xogħol ta' pajjiżna baqa' robust u reżiljenti, hekk kif ir-rata tan-nies b'impjieg kienet ta' 81.3%, filwaqt li r-rata fl-Unjoni Ewropea kienet ta' 75.3%. F'Malta, l-impjiegi fl-2023 kibru b'6.1% u r-rata ta' nies qegħda kienet ta' 3.5% fl-istess perjodu. Hawn irrid ninnota Sur President xi ħaġa mill-aktar importanti. Meta jemmen fil-bidla, dan il-Gvern kapaċi jġib ir-riżultati. Fis-suq tax-xogħol, ilkoll niftakru li qabel tlajna fil-Gvern, kienu jgħidu 'labour won't work'. Dakinhar, jiġifieri lura fl-2013, dan il-pajjiż kien kważi fl-aħħar tal-klassifika Ewropea fil-persentaġġ ta' nies fid-dinja tax-xogħol. Illum, Sur President, qed naraw xenarju fejn sal-aħħar ta' din il-leġiżlatura, ser inkunu aktarx fil-quċċata tal-klassifika hekk kif fi 11-il sena ser inkunu qbiżna lil kulħadd.

Dan kollu hu riżultat ta' deċiżjonijiet għaqlin li ħa dan il-Gvern f'kull mument diffiċli li ffaċċjat id-dinja globali. Dan hu Gvern li ma jibżax jieħu deċiżjonijiet iebsa meta jasal il-bżonn. Dan hu

Gvern b'ruħ soċjali fejn iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin dejjem jibqgħu l-prijorità. Għaldaqstant, b'wiċċi minn quddiem inħabbar, li għar-raba' sena konsekuttiva ser nerġgħu niffinanzjaw is-sussidji fuq il-prezzijiet tal-enerġija, il-fjuwils u ċ-ċereali, dqiq u l-għalf tal-annimali.

Għalkemm il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea qiegħda tippressana sabiex dawn is-sussidji jinqatgħu, dan il-Gvern jemmen li l-poplu m'għandux għalfejn ibati d-daqqa ta' dak li qiegħed jiġri madwarna. M'aħniex nagħmlu dan biex immorru kontra dak li tirrakkomanda l-Unjoni Ewropea jew biex nuru kemm għandna rasna iebsa, iżda għax sforz l-għaqal u l-ħidma ta' dan il-Gvern, issa qegħdin naħsdu l-ġid li żrajna.

Ir-ritmu pożittiv tal-ekonomija mistenni jippersisti fis-snin li ġejjin hekk kif huwa previst li sal-aħħar tas-sena l-ekonomija tkun kibret b'4.9% f'termini reali, bid-domanda domestika mistennija tkun il-mutur ewlieni ta' dan it-tkabbir. Is-sena d-dieħla, l-ekonomija Maltija hija mbassra li tikber b'4.3% f'termini reali u b'7.0% f'termini nominali. Fejn id-domanda domestika mistennija tibqa' il-mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku b'kontribut ta' 3.4 punti perċentwali.

Dan it-tkabbir mistenni jkun rifless fis-suq tax-xogħol ukoll, hekk kif iż-żieda fl-impjiegi mistennija tkun ta' 4.6% fl-2024 u 4.1% fl-2025. L-inflazzjoni mistennija tbatti għal 2.5% fl-2024 u 2.1% fl-2025.

Skont l-indiċi tal-prezzijiet, il-kumpens għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla ser ikun dak ta' €5.24 fil-ġimgħa. Infakkar li l-istudenti wkoll se jgawdu miż-żieda pro-rata tal-COLA fl-istipendji. Irrid insemmi wkoll, li b'riżultat tal-ftehim storiku milħuq is-sena l-oħra bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali, is-sena d-dieħla l-Paga Minima Nazzjonali se tiżdied bi €8.24 fil-ġimgħa u se tilħaq il-€221.78 fil-ġimgħa. Infakkar li l-paga minima f'pajjiżna ser tibqa' ma tiġix intaxxata.

Dan huwa budget li jagħti lin-nies, inkomplu nippremjaw il-bżulija filwaqt li nkunu ta' pilastru għan-nies fil-bżonn. U għalhekk issa Sur President ngħaddi mill-ewwel sabiex nagħti ħarsa lejn l-akbar miżura ta' dan il-budget, dik tat-tnaqqis fil-piż tat-taxxa fuq id-dħul.

# KAPITLU 2. INŻIDU D-DĦUL TAL-FAMILJI

Sur President, fl-ewwel budget ta' din il-leġiżlatura kont għidt li minkejja li wegħedna li ser innaqqsu t-taxxa mill-ewwel sena tal-leġiżlatura, iċ-ċirkostanzi li żviluppaw dakinhar, propju fl-ewwel kwart tal-2022, waslu sabiex nipposponu dan il-ħsieb minħabba li l-prezzijiet tal-enerġija fis-swieq internazzjonali splodew. Kont għidt li aktar jagħmel sens li nassorbu dan l-impatt u ma nitfgħu l-ebda piż fuq in-negozji u l-konsumatur. Kienet deċiżjoni importanti u kruċjali.

Grazzi għal dik id-deċiżjoni llum pajjiżna huwa aktar b'saħħtu. Dawk il-pajjiżi li għażlu li jagħmlu mod ieħor illum iddgħajfu u qed ikollhom jirrikorru fuq iċ-ċittadini tagħhom għal aktar sagrifiċċji. Irrid infakkar li dik id-deċiżjoni, fl-2022 biss, swiet mat-€350 miljun. Illum, sentejn wara, kulħadd jagħraf l-importanza ta' dik id-deċiżjoni hekk kif pajjiżna jgawdi mill-ogħla rata ta' tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea.

Hekk kif il-piż tas-sussidji naqas b'aktar min-nofs u d-defiċit tal-pajjiż niżel, ninsabu f'pożizzjoni li nwettqu dak li wegħedna. Anzi, Sur President, ser immorru lil hinn minn dak li għidna. Nibda billi ngħid li l-ispiża fl-aġġustament tat-tax bands ser tammonta għal madwar €140 miljun. Iva Sur President, €140 miljun aktar fi bwiet il-ħaddiema kollha mis-sena d-dieħla.

Ngħaddi issa biex nispjega d-dettalji ta' din il-miżura fuq it-tliet komputazzjonijiet.

**Tabella 2.1: Tnaqqis fit-taxxa fuq id-dħul**

| Komputazzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Singola | | Miżżewġin | | Ġenitur | |
| Kategorija tal-introjtu | Rata | Kategorija tal-introjtu | Rata | Kategorija tal-introjtu | Rata |
| 0-12,000 | 0.0% | 0-15,000 | 0.0% | 0-13,000 | 0.0% |
| 12,001-16,000 | 15.0% | 15,001-23,000 | 15.0% | 13,001-17,500 | 15.0% |
| 16,001-60,000 | 25.0% | 23,001-60,000 | 25.0% | 17,501-60,000 | 25.0% |
| 60,001+ | 35.0% | 60,001+ | 35.0% | 60,001+ | 35.0% |

## Komputazzjoni Singola

Din il-komputazzjoni tiġbor taħtha ftit anqas minn 70% tat-taxpayers. Mis-sena d-dieħla, it-threshold li taħtu ma titħallasx taxxa ser jiżdied minn €9,100 għal €12,000. Jiġifieri, l-ewwel €12,000 mhux ser ikunu taxxabbli. Ir-rata ta' 15% ser tiġi applikabbli għal bejn it-€12,001 u s-€16,000. Bejn is-€16,001 u s-€60,000 ikun bil-25%. Dħul 'il fuq minn €60,000 jibqa' bil-35%.

Fi ftit kliem, xi jfisser dan, Sur President? Ifisser li kull min iħallas taħt din il-komputazzjoni ser jara tnaqqis fit-taxxa fil-valur ta' bejn €435 u €675 fis-sena. Il-massimu fit-tnaqqis jibbenefikaw minnu dawk kollha li għandhom dħul ta' aktar minn €19,500 fis-sena. Dan huwa ta' benefiċċju mhux biss għal dawk li jħallsu t-taxxa waħedhom iżda wkoll għal dawk il-miżżewġin li jagħżlu li jħallsu t-taxxa separatament. F'dan il-każ, il-benefiċċju għal dik il-household jista' ikun sad-doppju.

## Komputazzjoni Miżżewġin

Din il-komputazzjoni tiġbor fiha madwar 14% tat-taxpayers. Mis-sena d-dieħla, it-threshold li taħtu ma titħallasx taxxa ser jiżdied minn €12,700 għal €15,000. Għaldaqstant, l-ewwel €15,000 mhux ser ikunu taxxabbli. Ir-rata ta' 15% ser tiġi applikabbli għal bejn il-€15,001 u t-€23,000. Bejn it-€23,001 u s-€60,000 ikun bil-25%. Dħul 'il fuq minn €60,000 jibqa' bil-35%.

Kull min iħallas taħt din il-komputazzjoni ser jara tnaqqis fit-taxxa fil-valur ta' bejn €345 u €645 fis-sena. Il-massimu fit-tnaqqis jibbenefikaw minnu dawk kollha li għandhom dħul ta' aktar minn €28,700 fis-sena.

## Komputazzjoni Ġenitur

Din il-komputazzjoni tiġbor fiha madwar 17% tat-taxpayers. Mis-sena d-dieħla, it-threshold li taħtu ma titħallasx taxxa ser jiżdied minn €10,500 għal €13,000. Dan ifisser, li l-ewwel €13,000 mhux ser ikunu taxxabbli. Ir-rata ta' 15% ser tiġi applikabbli għal bejn it-€13,001 u s-€17,500. Bejn is-€17,501 u s-€60,000 ikun bil-25%. Dħul 'il fuq minn €60,000 jibqa' bil-35%.

Kull min iħallas taħt din il-komputazzjoni ser jara tnaqqis fit-taxxa fil-valur ta' bejn €375 u €650 fis-sena. Il-massimu fit-tnaqqis jibbenefikaw minnu dawk kollha li għandhom dħul ta' aktar minn €21,200 fis-sena.

Irrid inżid hawn Sur President, li apparti dan it-tnaqqis fit-taxxa u l-għotja li tvarja bejn €60 u €140 fis-sena lil kull min jaħdem u ma jaqlax iżjed minn €60,000, ġenituri li qed irabbu ser jaraw

żieda wkoll fiċ-children's allowance li ħa nkun qed inħabbar minn hawn u ftit ieħor. Dan il-Gvern jifhem is-sagrifiċċji li jagħmlu l-familji u l-ispejjeż involuti biex trabbi l-ulied, u propju għalhekk qed nagħtu din l-għajnuna kollha. Bejn tnaqqis fit-taxxa u żieda fiċ-children's allowance, din l-għajnuna Sur President, ser tkun tfisser mal-€1,800 aktar fi bwiet dawk il-familji b'żewġt ulied u li għandhom dħul medju. €1,800 tfisser kważi dħul addizzjonali ieħor ta' xahar għal aktar minn 20,000 familja.

Ma' dan inżid ukoll, li kif wegħdna fil-Budget għall-2022, fejn konna ħabbarna li f'temp ta' 5 snin, id-dħul mill-pensjoni mhux ser jibqa' jiġi kkalkulat bħala dħul għal fini tat-taxxa għal pensjonanti li jaħdmu, is-sena d-dieħla l-ammont li se jiġi injorat għal fini ta' taxxa ser jerġa' jiżdied b'20% għal 80%.

## Occupational Pensions

Dan il-Gvern ma jiħux ħsieb id-dħul tal-familji fil-preżent biss, iżda jaħseb ukoll għall-futur. Huwa għalhekk li rridu nrawmu kultura ta' tfaddil, biex b'hekk nassiguraw dħul pensjonabbli aktar adegwat għall-pensjonanti ta' għada.

Ftit ta' snin ilu, dan il-Gvern kien nieda inċentivi fiskali sabiex jinkoraġġixxi lill-poplu jagħmel private pension plan. Tajna inċentivi wkoll lil min iħaddem sabiex jikkontribwixxi wkoll f'dawn l-iskemi. Issa wasal iż-żmien li ninkoraġġixxu bis-sħiħ l-Occupational Pension Plans f'pajjiżna. Dan fl-interess tal-ħaddiema u biex ikollna dejjem aktar pensjonijiet sostenibbli u adegwati.

Il-ħsieb aħħari hu li kull impjegat li jidħol fid-dinja tax-xogħol jew jibdel l-impjieg tiegħu jkollu l-opportunità li jinvesti f'occupational pension plan. Filwaqt li min iħaddem mhux ser ikollu l-obbligu li jikkontribwixxi, irid joffri l-opportunità lill-impjegati tiegħu li jissieħbu fi pjan. Sta għall-impjegat li jirrifjuta li jagħmel dan. Min-naħa tiegħu, il-Gvern qed jimpenja ruħu li fil-każ tal-impjegati tiegħu, ser jikkontribwixxi direttament bħala employer billi jħallas daqskemm jikkontribwixxi l-individwu sa massimu ta' €100 fix-xahar.

Dan il-pjan ser ikun qed igawdi mill-istess inċentivi fiskali li hemm illum, kemm għal min iħaddem u kif ukoll għall-impjegat. Min diġà qiegħed fi pjan privat, jista' jidħol f'occupational plan ukoll u jgawdi mill-istess skeda ta' benefiċċji fiskali. Il-pass li jmiss huwa li jiġu konklużi d-dettalji wara diskussjonijiet mas-setturi kkonċernati u mal-imsieħba soċjali sabiex sa nofs is-sena d-dieħla dawn l-iskemi jidħlu fis-seħħ f'pajjiżna wkoll.

# KAPITLU 3. EKONOMIJA B'SAĦĦITHA B'RUĦ SOĊJALI

Sur President,

Kemm inħossni kburi li sena wara sena, għax għandna ekonomija b'saħħitha u għax qegħdin immexxu l-finanzi pubbliċi b'mod għaqli, nista' niġi hawnhekk u nħabbar żidiet qawwija fil-qasam soċjali. Żidiet lill-pensjonanti, lill-anzjani, lill-familji bi dħul baxx, lill-persuni b'diżabilità u lill-persuni vulnerabbli. Żidiet li Gvern preċedenti żgur qatt ma ta bħalhom. Żidiet li juru bil-fatti r-ruħ soċjali ta' Gvern Laburista.

## Pensjonanti

### Inkomplu nwieżnu l-pensjonanti

Il-pensjonanti jibqgħu fil-qofol tal-infiq soċjali, u għalhekk is-sena d-dieħla ser jirċievu żieda oħra ta' €8 fil-ġimgħa jew €416 fis-sena, li tinkludi ż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Minn din iż-żieda ser jibbenefikaw aktar minn 100,000 pensjonant tal-irtirar, tal-invalidità u romol kif ukoll oħrajn intitolati għal pensjoni tal-età.

B'din iż-żieda, miġbura flimkien iż-żidiet annwali li rċevew il-pensjonanti fuq medda ta' 10 snin, se jkunu laħqu s-somma totali ta' mill-anqas €3,583, kważi €70 fil-ġimgħa.

Dan ifisser, li dak li kienu jirċevuh f'sena sħiħa bħala pensjoni 10 snin ilu, illum il-pensjonanti qed jirċevuh fl-ewwel 8 pagamenti, filwaqt li jkun baqgħalhom 5 pagamenti oħra x'jirċievu.

## Titjib ieħor għal pensjonanti li twieldu qabel l-1962

Matul is-sena d-dieħla se nkomplu b'pass ieħor importanti biex jonqos id-distakk fid-Dħul Pensjonabbli Massimu bejn persuni li twieldu qabel l-1962 u oħrajn li twieldu wara, li nħoloq b'riżultat tar-riforma li saret fl-2006.

Dan ser isir billi dawk li twieldu qabel l-1962 u li kieku għadhom jaħdmu s-salarju tagħhom jaqbeż id-Dħul Pensjonabbli Massimu ta' €23,500, ser ikollhom aġġustament ieħor fil-pensjoni tagħhom.

Minn din il-miżura mistennija li jibbenefikaw madwar 26,000 pensjonant.

Infakkar, li din is-sena lleġiżlajna sabiex nassiguraw li l-pensjonanti, twieldu meta twieldu, jibqgħu jieħdu żieda bażika ugwali fil-pensjoni tagħhom. Din il-miżura tolqot lill-100,000 pensjonant.

## Eżenzjonijiet mit-taxxa għall-pensjonanti

Se nkomplu ntejbu l-eżenzjonijiet mit-taxxa li japplikaw mill-età ta' 61 sena 'l quddiem għall-pensjonanti. Dan b'mod li jkunu nklużi fl-ammonti eżentati ż-żidiet li qed inħabbar. Ir-romol se jibqgħu ma jħallsux taxxa bis-saħħa ta' miżura li daħħalna din is-sena.

## Żieda addizzjonali fil-pensjonijiet tar-romol

Il-pensjonanti romol ser igawdu minn żieda addizzjonali fil-pensjoni tagħhom permezz tal-proċess li issa ser jidħol fir-raba' sena tiegħu. Dan il-proċess ser iwassal biex sal-2027, il-pensjonanti romol kollha jkunu qed jirċievu l-pensjoni sħiħa li kienu jirċievu l-konjuġi tagħhom, kieku baqgħu ħajjin.

Hu stmat li dan l-aġġustament jolqot madwar 7,500 armel u armla. Iż-żieda addizzjonali ser tlaħħaq medja ta' madwar €3 fil-ġimgħa, addizzjonali maż-żieda ġenerali ta' €8 fil-ġimgħa.

## Pass importanti fl-aġġustament tal-bonus tal-għoli tal-ħajja

Fl-2022 bdejna proċess sabiex inneħħu l-anomalija li nħolqot fl-2008 li wasslet biex pensjonanti jirċievu rati tal-bonus tal-għoli tal-ħajja li jvarjaw skont f'liema sena jkunu rtiraw. B'hekk finalment kull sena l-pensjonanti kollha jibdew jirċievu l-istess rata ta' dan il-bonus.

Minħabba li minn din is-sena daħal il-kunċett li l-pensjonijiet jiżdiedu kull sena l-istess għal kulħadd, skont il-mekkaniżmu li 70% minnu hu bbażat fuq kemm jiżdiedu l-pagi u 30% fuq iż-żieda fl-inflazzjoni, liema żieda li tirriżulta issa tkun kollha kemm hi fil-pensjoni, se nagħtu spinta sabiex sal-2027 nilħqu l-mira li l-bonus ikun fl-istess livell għal kull pensjonant.

L-aġġustament tar-rati tal-bonus se jibqa' għaddej tul is-sentejn li ġejjin, sakemm fl-2027 jintemm il-proċess u kull pensjonant ikun intitolat għall-ogħla rata ta' €21.53 fil-ġimgħa li mbagħad

tibqa' titħallas flimkien mal-pensjoni u kull żidiet oħra li jingħataw lill-pensjonanti fil-futur.

## Titjib għall-pensjonanti tas-servizz

Pensjonanti tas-servizz, mill-ġdid, ser jaraw l-ammont tal-pensjoni tas-servizz tagħhom li ma jiġix ikkunsidrat għall-fini tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, jiżdied b'€200 oħra u jilħaq is-somma ta' €3,666. L-aġġustament japplika skont ir-regoli ġenerali tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali għal kull min għandu pensjoni tas-servizz.

Madwar 3,250 pensjonant tas-servizz ser jibbenefikaw minn dan iċ-ċaqliq, grazzi wkoll għal miżura li mal-età ta' 72 sena, l-ammont kollu kkalkulat mill-pensjoni tas-servizz ma jibqax jiġi kkunsidrat.

## Titjib fil-bonus għal dawk li ma jikkwalifikawx għal pensjoni

Persuni li ma kellhomx bolol biżżejjed biex jikkwalifikaw għal pensjoni jirċievu bonus skont kemm kienu laħqu ħallsu bolol. Dan il-bonus beda jingħata fl-2015 u żdied bosta drabi sakemm din is-sena laħaq €500 għal min ħallas sa 4 snin bolol u €600 għal min ħallas minn 5 sa 9 snin bolol.

Għas-sena l-ġdida ser inwettqu bidla importanti bil-għan li ngħinu aktar lil dawn il-persuni, u fl-istess waqt inkunu aktar ġusti ma' min ħallas numru akbar ta' kontribuzzjonijiet. Ir-rati tal-bonus issa ser jinħadmu skont l-għadd attwali ta' bolol li tħallsu. Dawn ser ivarjaw minn €550 għal min ħallas sa sena bolol għal €1,000 għal min ħallas sa 9 snin bolol.

Minn din il-miżura ser jibbenefikaw 'il fuq minn 16,000 persuna, l-aktar nisa miżżewġa.

## Miżura favur is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet

Fl-aħħar snin daħħalna għexieren ta' miżuri għall-pensjonanti li wasslu għal titjib sostanzjali fil-pensjoni u sabiex in-nefqa fil-pensjonijiet tiżdied b'aktar minn €400 miljun.

Din in-nefqa qed inkomplu nsaħħuha f'dan il-budget u se tkompli tiżdied fis-snin li ġejjin iżda b'mod li jkun sostenibbli. Għaldaqstant, se ndaħħlu miżura sabiex l-ammont ta' snin ta' kontribuzzjonijiet li persuna jkollha bżonn biex tieħu l-pensjoni sħiħa jiżdied b'sena.

Din ser tolqot persuni li twieldu fl-1976 jew wara li għalihom il-perjodu stipulat ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, imħallsa jew akkreditati, ser ikun ta' 42 sena, minflok 41 sena kif inhu bħalissa. Din il-miżura qed titwettaq fuq parir tal-Grupp Strateġiku tal-Pensjonijiet.

L-età tal-irtirar u r-rata tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali mhux se jiżdiedu, grazzi għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tax-xogħol li dan qed iġib.

## Familji u tfal

### Żieda qawwija oħra fl-Allowance tat-Tfal

Familji bit-tfal minn dejjem kienu fil-mira tal-politika tagħna. Kien lura għall-2019 li ċ-Children's Allowance reġgħet bdiet tiżdied wara snin twal bla ebda tibdil.

B'sodisfazzjoni, inħabbar li għat-tieni sena konsekuttiva ser inżidu dan is-suppliment b'€250 oħra għal kull wild, irrespettivament mid-dħul tal-familja.

Infakkar li konna wegħedna fil-Manifest li tul din il-leġiżlatura ser inżidu s-suppliment b'€450. B'din il-miżura tal-lum mhux biss inkunu wettaqna l-wegħda, iżda qbiżnieha wkoll. U dan meta għad baqa' aktar minn sentejn biex tintemm il-leġiżlatura.

Barra minn hekk, ser nintroduċu miżura oħra sabiex familji jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal rati mtejba tal-allowance tat-tfal billi fil-komputazzjoni tar-rata tal-allowance, barra li ninjoraw l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jkunu tħallsu mid-dħul tal-ġenituri, ser nibdew ninjoraw ukoll l-ammont ta' taxxa fuq id-dħul li jkun tħallas.

Dan it-titjib huwa stmat li jiswa madwar €16.5 miljun u se jolqot madwar 42,000 familja b'63,000 tifel u tifla.

## Aktar titjib fl-In-Work Benefit

Il-miżura li għadni kif ħabbart fiċ-Children's Allowance, li barra li ninjoraw l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jkunu tħallsu mid-dħul tal-ġenituri ser nibdew ninjoraw ukoll l-ammont ta' taxxa fuq id-dħul li jkun tħallas, se ndaħħluha wkoll fil-komputazzjoni tar-rati tal-In-Work Benefit.

Dan se jolqot pożittivament madwar 25,000 familja b'madwar 40,000 wild taħt it-23 sena għaliex mhux biss tista' tiżdidilhom ir-rata mħallsa li issa se tkun maħduma fuq dħul nett anqas, imma se jwassal biex familji ġodda bieżla jibdew jibbenefikaw.

## Allowance speċjali għal dawk li jkomplu l-edukazzjoni wara l-età obbligatorja

Ġenituri li wliedhom ikomplu bl-edukazzjoni post sekondarja tagħhom din is-sena bdew jirċievu allowance speċjali ta' €500 biex jgħinhom ikunu aktar ta' appoġġ fil-mixja edukattiva ta' wliedhom. L-allowance titħallas għal 3 snin għal studenti li jattendu kemm skejjel tal-Istat kif ukoll dawk privati.

Filwaqt li madwar 10,500 familja fl-2025 ser jitħallsu t-tieni pagament, ġenituri li wliedhom minn dan ix-xahar bdew l-edukazzjoni post sekondarja tagħhom ser jitħallsu l-ewwel pagament. In-nefqa mistennija tilħaq madwar €6 miljuni.

## Żieda oħra fil-bonus għat-twelid u adozzjoni

4 snin ilu daħħalna bonus biex ngħinu familji b'wild ġdid jew adozzjoni. Ir-rata tal-bonus fl-2024 telgħet għal €500 għall-ewwel wild u €1,000 għat-tieni wild ġdid jew aktar fil-familja.

Biex inkomplu nwieżnu l-familji ser inżidu dan il-bonus b'€500 għal €1,500 għat-tielet wild jew aktar fil-familja.

Nistmaw li madwar 580 familja jistgħu jibbenefikaw minn dan it-titjib.

## Żieda fl-Għotja taż-Żwieġ

L-għotja li jirċievu ż-żewġ konjuġi meta jingħaqdu fiż-żwieġ jew unjoni ċivili, ser tiżdied bi kważi €170 għal €500 li jfisser €1,000 bejn iż-żewġ konjuġi.

F'sena, medja ta' madwar 3,000 persuna jirċievu din l-għotja.

## Miżura favur ġenituri prospettivi, li jaħdmu għal rashom u li jagħmlu trattament tal-IVF

Ġenituri prospettivi li jagħmlu trattament ta' IVF, separatament minn kull dritt għal leave mħallas, jibbenefikaw minn 100 siegħa oħra ta' leave mħallas għal kull ċiklu ta' trattament. L-omm prospettiva tingħata 60 siegħa ta' leave, filwaqt li l-konjuġi tagħha jkun intitolat għal 40 siegħa oħra.

Din il-konċessjoni, iżda, ma tgħoddx għal persuni li jaħdmu għal rashom. Għalhekk, is-sena d-dieħla se nibdew nagħtu l-istess dritt lil nisa li jaħdmu għal rashom, u/jew il-konjuġi wkoll f'każ li jaħdem għal rasu. Huma għalhekk ser ikunu intitolati għal ħlas ta' benefiċċju ekwivalenti għal massimu ta' 60 siegħa bir-rata tal-paga minima nazzjonali għal mara u 40 siegħa bl-istess rata għal konjuġi.

## Nestendu d-dritt għal leave ta' paternità lil min jaħdem għal rasu

Simili għal dan li għadni kif ħabbart, missirijiet li huma impjegati huma intitolati għal 10 ijiem leave tal-paternità fl-okkażjoni ta' twelid jew adozzjoni fil-familja.

Kif ukoll diġà ħabbarna, dan id-dritt ser jiġi estiż lill-missirijiet li jaħdmu għal rashom ukoll bil-ħlas ta' 10 ijiem (jew 80 siegħa) bl-istess rata tal-leave tal-maternità li tingħata mara li taħdem għal rasha meta twelled tarbija, liema rata hija bbażata fuq il-Paga Minima Nazzjonali.

## Żieda fl-allowance għal fostering

Il-Gvern jirrikonoxxi sew l-impenn u l-ħidma ta' familji li jiffosterjaw u djar residenzjali li jrabbu tfal taħt il-kura tagħhom. Dan jitwettaq b'appoġġ ta' servizzi soċjali kif ukoll finanzjarjament bil-ħlas ta' allowance għal kull tifel jew tifla taħt il-21 sena fil-kura tagħhom.

Din l-allowance żdiedet darbtejn u sostanzjalment f'dawn l-aħħar snin u s-sena d-dieħla l-allowance għal darb'oħra ser tiżdied b'€10 oħra fil-ġimgħa u titla' għal €120 fil-ġimgħa jew €6,240 fis-sena għal kull tifel jew tifla fil-kura.

## Familji u persuni bi dħul baxx jew medju

### Mekkaniżmu addizzjonali kontra l-għoli tal-ħajja

Familji bi dħul baxx jew medju huma intitolati għal ħlas addizzjonali bħala għajnuna biex ikunu f'qagħda li jlaħħqu aktar mal-għoli fil-prezzijiet. Kull familja titħallas bejn €100 u €1,500 fis-sena. Mill-ġdid ser inħaddmu dan il-mekkaniżmu biex b'kull mezz inkunu ta' spalla għal-familji quddiem l-isfida tal-inflazzjoni. Il-pagament jinqasam f'darbtejn, bl-ewwel pagament isir fix-xahar ta' Diċembru u t-tieni pagament isir f'nofs is-sena d-dieħla. B'kollox madwar €48 miljun ser jitqassam fost 100,000 familja bi kważi 200,000 dipendenti.

### Rati ogħla tal-Allowance Supplimentari

L-għadd ta' benefiċjarji tal-Allowance Supplimentari naqas sew f'dan l-aħħar snin. Dan ġara minħabba li d-dħul tal-familji żdied sostanzjalment fl-aħħar snin u naqset id-dipendenza soċjali b'mod qawwi u anqas familji qed ikollhom bżonn din l-għajnuna.

Fil-maġġoranza tagħhom, il-benefiċjarji huma persuni li jgħixu waħidhom, l-aktar romol jew persuni separati jew divorzjati.

Il-ħlas li jirċievu huwa ffissat skont mekkaniżmu li jieħu inkonsiderazzjoni tad-dħul tal-familja li ma jaqbiżx il-limiti tad-dħul stabbiliti għal koppji u persuni singoli.

Wara t-titjib li sar fl-2017 u 2022, ser naġġustaw mill-ġdid il-parametri tal-mekkaniżmu biex filwaqt li ntejbu r-rati tal-allowance nagħtu l-opportunità li aktar koppji jikkwalifikaw.

Ir-rata massima li titħallas lill-koppji ser tiżdied b'€190 għal €1,289 fis-sena, filwaqt li r-rata għal persuni singoli ser tiżdied b'€69 għal €667. Barra minn hekk, il-limitu tad-dħul għal koppji ser jitwessa' sa €18,000 fis-sena.

Bħalissa l-għadd ta' benefiċjarji huwa ta' madwar 20,500. Bit-tibdil li ser inwettqu mistennija jibbenefikaw madwar 1,500 familja oħra.

## Reviżjoni tal-ammont tal-assi kapitali għall-assistenzi non-kontributorji

Id-dritt għall-Pensjoni tal-Età, l-Assistenzi Soċjali inkluż tal-Qgħad, l-Assistenza Medika u l-Karta r-Roża jiddependi minn test tal-mezzi u test tal-assi kapitali. Se nkunu qed ngħollu l-limiti tal-assi kapitali sabiex inkunu ta' sostenn akbar għal min għandu bżonn dawn l-għajnuniet.

Mis-sena d-dieħla, il-limitu preżenti ta' €23,300 għall-miżżewġin jew koppji se jitla' għal €26,000 waqt li l-limitu ta' persuna singola se jitla' minn €14,000 għal €16,000.

## Riforma fl-Għajnuna Soċjali

Fl-aħħar 10 snin, id-dipendenza soċjali naqset b'60%. Minkejja dan, se nwettqu riforma fl-Għajnuna Soċjali li tingħata lil kapijiet ta' familja li ma jkunux f'qagħda li jaħdmu għal raġunijiet ta' saħħa jew għaliex ikollhom wild taħt il-kura u l-kustodja tagħhom. L-għajnuna hija marbuta ma' test tal-mezzi. Mal-benefiċċju jitħallas ammont addizzjonali għal kull membru tal-familja.

Se nifirdu ż-żewġ kategoriji ta' benefiċjarji bil-ħolqien ta' benefiċċju ġdid, magħruf bħala Għajnuna Soċjali Medika, speċifikament għal persuni li jsofru minn kundizzjonijiet ta' mard li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jaħdmu. L-evalwazzjoni medika se tkun l-istess bħal ta' dawk li jieħdu l-pensjoni tal-invalidità.

L-għan ta' dan it-tibdil huwa biex inkunu aktar ta' sostenn ma' dawn il-persuni u familji li mhux b'kapriċċ ma jkunux qed jaħdmu. Barra l-pagament sħiħ taż-żieda għall-għoli tal-ħajja, dawn il-famiji se jiżdiedu b'€5 oħra fil-ġimgħa għal kull membru fil-familja.

Il-kategorija ta' benefiċjarji l-oħra li huma tajbin biex jaħdmu se jieħdu ż-żieda tal-għoli tal-ħajja sħiħa u fl-istess waqt se jkunu ggwidati biex jieħdu l-opportunitajiet ta' taħriġ offruti fi skemi mħaddma minn Jobsplus biex jitbiegħdu mid-dipendenza soċjali.

## Twessigħ tal-limiti tad-dħul għall-Assistenza għal Mard

L-Assistenza għal Mard tingħata lil persuni li ma jaħdmux skont test tal-mezzi u li jkunu ċċertifikati li jbatu minn diversi tipi ta' mard skont kif elenkat fil-Liġi tas-Sigurtà Soċjali.

Bil-għan li ngħinu aktar familji bi dħul baxx jikkwalifikaw għal din l-assistenza ser nemendaw il-liġi sabiex inwessgħu l-limiti tad-dħul kemm għal koppji kif ukoll għal persuni li jgħixu waħedhom.

Il-limiti ser jitwessgħu b'€416 fis-sena minbarra ż-żidiet statutorji li jingħataw kull sena permezz tal-budget. Din il-miżura tolqot madwar 800 benefiċjarju.

## Aktar persuni se jingħataw id-dritt għal mediċini b'xejn

Mis-sena d-dieħla, żidiet fil-pensjoni kontributorja se jiġu injorati għal fini tal-evalwazzjoni tat-test tal-mezzi tal-Għajnuna Medika bla Ħlas, li biha tali persuni jieħdu l-mediċini bla ħlas.

B'hekk se jibda jsir kif diġà jsir fl-evalwazzjoni tal-Għajnuna Medika li titħallas bħala benefiċċju. Dan se jwassal biex aktar anzjani jibqgħu jżommu d-dritt għall-Kartuna r-Roża u ma jitilfuhiex għax il-pensjoni tagħhom tkun żdiedet b'xi reviżjoni.

Barra minn hekk, b'effett mill-1 ta' Jannar 2025, kull persuna li tkun laħqet l-età ta' 75 sena u li tkun tibbenefika mill-Għajnuna Supplimentari, se tibda tkun eliġibbli awtomatikament għall-mediċini b'xejn permezz tal-Kartuna r-Roża mingħajr il-ħtieġa li tissodisfa t-test tal-mezzi.

### Krediti għal min jegħleb il-vizzju tad-droga u jidħol fid-dinja tax-xogħol

Persuni dipendenti fuq id-droga jirċievu kull għajnuna biex jegħlbu l-vizzju tagħhom, kemm bi programmi ta' rijabilitazzjoni kif ukoll b'assistenza finanzjarja.

Sabiex inkunu aktar ta' sostenn, kemm-il darba jtemmu b'suċċess programm ta' rijabilitazzjoni u jsibu xogħol fiss, huma ser ikunu jistgħu jikkwalifikaw għal sentejn ta' kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurtà soċjali.

## Persuni b'diżabilità

### Kumpens għal persuni b'diżabilità meta jirtiraw mix-xogħol

Persuni b'diżabilità jistgħu jirċievu assistenza għal diżabilità inkluż dik severa u fl-istess ħin jibqgħu fl-impjieg. L-istess dawk li jkunu korrew fuq ix-xogħol jistgħu jieħdu pensjoni għal diżabilità permanenti. Iżda meta jirtiraw mix-xogħol, jieħdu l-pensjoni kontributorja u jitwaqqaf lilhom il-benefiċċju li jkunu qed jirċievu.

Kif imwiegħed fil-Manifest Elettorali, ser nindirizzaw sitwazzjonijiet bħal dawn. Meta dawn il-persuni jirtiraw u jieħdu l-pensjoni kontributorja huma ser jingħataw żieda fil-pensjoni biex tagħmel tajjeb għat-telfien tal-assistenza għal diżabilità. L-aġġustament ikun tali li l-pensjoni tilħaq mill-anqas il-Paga Minima Nazzjonali, iżda ż-żieda ma tkunx anqas minn 10% tal-assistenza li kienu intitolati għaliha qabel irtiraw.

Minn din il-miżura ser jibbenefikaw 330 persuna, li 40 minnhom ser jirtiraw matul l-2025.

## Żidiet fl-Assistenzi għal Persuni b'Diżabilità u għal Carers

Iż-żieda fil-Paga Minima Nazzjonali tfisser li s-sena d-dieħla jerġa' ikun hemm żidiet kemm fl-Assistenzi għal Persuni b'Diżabilità u f'dawk tal-Carers.

L-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa se tiżdied b'€7.42 fil-ġimgħa għal €199.61 fil-ġimgħa.

L-Assistenza għal Diżabilità Severa se tiżdied bi €3.49 fil-ġimgħa għal €128.15 fil-ġimgħa waqt li l-Assistenza għal Diżabilità wkoll se tiżdied bi €3.49 fil-ġimgħa għal €102.62 fil-ġimgħa.

L-Assistenza Miżjuda għal Carers se tiżdied b'€5.24 fil-ġimgħa u se titla' għal €179.02 fil-ġimgħa waqt li l-Assistenza għal Carers se tiżdied b'€5.24 fil-ġimgħa wkoll u se titla' għal €125.92.

F'dan ir-rigward, se ndaħħlu miżura ġdida wkoll f'każi fejn persuni jkunu qed jieħdu ħsieb waħidhom 2 membri tal-familja b'dipendenza għolja jew medja. Sal-lum dawn huma ntitolati biss għal ħlas ta' rata waħda tal-Allowance Miżjuda għal Carer jew tal-Allowance għal Carer. Mis-sena d-dieħla, dawn il-persuni se jibdew jieħdu darba u nofs ir-rata tal-benefiċċju li għaliha jkunu intitolati.

## Żieda fl-allowance għal tfal b'diżabilità

L-allowance li tingħata lill-familji bi tfal li jbatu minn diżabilità fiżika jew mentali se tiżdied b'€5 oħra fil-ġimgħa għal €35 fil-ġimgħa. B'din iż-żieda, li ser tkun ir-raba' waħda mill-2014, il-pagamenti f'sena se jiżdiedu għal €1,820.

Madwar 2,300 familja b'2,510 tifel u tifla huma intitolati għal din l-allowance.

## Aktar titjib fil-Carers Grant lil familji bi tfal b'diżabilità

Is-sena d-dieħla se nerġgħu ngħollu l-Carers Grant li hija ekwivalenti għal nofs il-Paga Minima Nazzjonali netta.

Iż-żieda ta' €8.24 fil-Paga Minima Nazzjonali tfisser li s-sena d-dieħla din l-għotja ser togħla b'€193 oħra biex issa ser tilħaq €5,190 fis-sena.

Barra minn hekk, se ndaħħlu bidla importanti fid-dritt għall-Carers Grant li sal-lum titħallas lil ġenituri ta' tfal ta' aktar minn 16-il sena li jirċievu l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, liema ġenituri ma jaħdmux għax ikollhom jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsieb il-wild tagħhom.

Mill-2025, il-Carers Grant se tibda titħallas ukoll lil ġenituri li ma jaħdmux, li għandhom tfal b'diżabilità taħt is-16-il sena u li l-kundizzjoni tagħhom tkun meqjusa li hija severa ħafna u li tirrikjedi l-kura kontinwa u kostanti tal-ġenitur.

L-evalwazzjoni medika ser titħalla kompletament f'idejn bord interprofessjonali li jimxi fuq kriterji internazzjonali għal dan il-qasam.

Bidla oħra li se ndaħħlu f'dan il-benefiċċju hija li min jikkwalifika għalih se jibda jkun kopert bil-kontribuzzjonijiet akkreditati skont l-istess prinċipji li jintużaw fil-krediti mogħtija lil min ikun qed jieħu l-Assistenzi għal Carers. B'hekk il-ġenituri milquta nissalvagwardjawlhom id-drittijiet li jista' jkollhom għal pensjoni fil-futur.

## Għajnuna għall-ġenituri ta' tfal b'diżabilità fuq spejjeż ta' terapiji

Is-sena d-dieħla, il-kreditu ta' taxxa li jingħata lil ġenituri ta' tfal b'diżabilità biex jgħinhom fl-ispejjeż li jagħmlu fuq terapiji speċjalizzati għal uliedhom se jiżdied minn €500 għal €750. Barra minn hekk, se nintroduċu skema separata sabiex ġenituri li ma jħallsux taxxa jew għax ma jaħdmux, inkella għax ikunu fuq benefiċċji soċjali, ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema.

## Ċentru ta' Filgħaxija għal persuni b'diżabilità severa

Is-sena d-dieħla se nagħmlu proġett pilota fiċ-Ċentru ta' Malta biex għall-ewwel darba se nipprovdu servizz ta' filgħaxija lil persuni b'diżabilità severa li llum ma jieħdu ebda servizz bħal dan. Dan is-servizz se jkun jinkorpora programmi, inizjattivi u kollaborazzjonijiet bil-għan li jissaħħew il-potenzjal u l-ħiliet tal-adulti b'diżabilità b'tali mod li jkollhom opportunitajiet aħjar biex ikunu ċittadini attivi fil-komunità tagħhom stess.

### Ċentru ieħor ta' Matul il-Jum biex jilqa' anzjani b'diżabilità

Bħala parti mir-riforma li qed tagħmel l-Aġenzija Sapport fis-servizz ta' matul il-jum, is-sena d-dieħla se niftħu ċentru ieħor ta' matul il-jum li għandu l-għan li joffri s-sapport meħtieġ biex jolqot il-bżonnijiet varjati ta' anzjani b'diżabilità.

## Anzjanità Attiva

Din is-sena ġiet inawgurata Dar San Ġużepp f'Għawdex, b'119-il sodda, fejn bdiet tilqa' l-ewwel residenti anzjani f'Marzu li għadda. Is-sena d-dieħla se nkomplu bix-xogħlijiet ta' rinnovar u tisbiħ f'diversi djar residenzjali tal-anzjani inkluż f'taż-Żejtun, tal-Mosta u tal-Imtarfa. Ser niftħu wkoll Ċentru għall-Anzjanità Attiva ġewwa l-Isla li jikkumplimenta d-diversi ċentri li nfetħu dan l-aħħar, fosthom wieħed fil-Belt Valletta. Se nestendu ukoll l-iskema ta' għajnuna għal dawk l-anzjani li jkollhom bżonn jikru sodod motorizzati. Ser inkomplu l-ħidma sabiex tiġi implimentata l-istrateġija l-ġdida tad-dimensja.

Fis-snin li ġejjin, se nkomplu ninvestu fir-residenza San Vinċenz de Paul permezz ta' Renal Unit ġewwa r-residenza, magna tal-MRI ġdida, kif ukoll hemm il-ħsieb ta' binja ġdida għall-kura intermedjarja u żewġ swali addizzjonali - sala psikoġerjatrika u oħra għall-kura palljattiva.

Għas-sena d-dieħla, l-għotja li nagħtu lill-anzjani fl-età ta' bejn il-75 sena u d-79 sena li jgħixu f'darhom jew f'xi dar residenzjali li għaliha jħallsu minn buthom, ser tiżdied b'€50 għal €350.

L-għotja lill-persuni fl-età ta’ 80 sena u aktar ser terġa’ tkun ta’ €450.

Ser nerġgħu nżidu wkoll l-iskema Carer at Home b’€500 sabiex is-sena d-dieħla titla’ għal €8,500 fis-sena.

## Nindirizzaw inġustizzji tal-imgħoddi

Matul is-sena d-dieħla ser nagħlqu l-iskema għal eks membri tal-korpi li wara sabu impjieg fis-settur pubbliku. Din ser tkun is-seba’ u l-aħħar sena tal-iskema.

Fl-istess waqt, ser tibqa’ fis-seħħ l-iskema għal dawk li kienu daħlu fis-servizz pubbliku wara l-15 ta’ Jannar tal-1979 sabiex jitħallsu għadd żgħir ta’ eks apprendisti u studenti-ħaddiema li kienu bdew il-korsijiet tagħhom qabel dik id-data. Minħabba l-età tagħhom dawn għadhom jaħdmu u għalhekk l-iskema qed tinżamm miftuħa għalihom biss biex jitħallsu meta jilħqu l-età tal-irtirar.

Sadanittant, wara konsultazzjonijiet neċessarji ser jibdew jingħataw il-pagamenti bħala kumpens taħt 3 skemi oħra li japplikaw għal:

a. Eks ħaddiema tal-Korporazzjoni Telemalta ingaġġati bejn Jannar tal-1978 u l-15 ta’ Jannar tal-1979 li minħabba tibdil fil-politika tal-Korporazzjoni naqsu milli jikkwalifikaw għal skema ta’ pensjoni simili għal dik li kienet fis-seħħ sal-bidu tal-1979 għall-impjegati fis-servizz pubbliku;

b. Eks ħaddiema tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding li b'mod arbitrarju fl-2003 kienu ġew trasferiti mal-Industrial Projects and Services Ltd, b'telf fid-dħul tagħhom;
c. Eks ħaddiema tal-Gas Board li kienu ġew assimilati mal-Korporazzjoni Enemalta.

Fl-istess waqt, il-Gvern laqa' appell li sar f'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali f'kawża mressqa minn grupp ta' eks ħaddiema tal-International Aeradio Ltd., li fis-snin 70 kienu impenjati fit-tħaddim tas-servizz tal-ajru taħt il-kappa tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili. Filwaqt li t-talba li ressqu ma ntlaqgħetx, il-Qorti rrakkomandat biex fid-dawl tas-servizz li taw lill-pajjiż fi żminijiet diffiċli jinstab mezz biex is-servizz li taw jiġi rikonoxxut.

Dan ser nagħmluh billi nagħtu għotja ta' darba lil dawn il-ħaddiema jew l-eredi tagħhom skont l-istess termini tal-iskema għal persuni li kienu fil-korpi u wara daħlu jaħdmu f'dipartimenti tal-Gvern.

B'kollox minn dawn l-iskemi kollha li semmejt se jibbenefikaw madwar 2,600 persuna.

## Sostenn lis-settur tal-volontarjat

Dan il-Gvern huwa kommess li jkompli jipprovdi sostenn lis-settur tal-volontarjat, fost oħrajn billi għas-sena d-dieħla qed nallokaw kważi €25 miljun għal aktar minn 50 Public Social Partnerships li l-Gvern għandu ma' diversi għaqdiet volontarji li

jaħdmu fil-qasam soċjali.  Dan l-ammont ma jinkludix skemi oħra ta’ għajnuna għall-għaqdiet volontarji.

Is-sostenn tal-Gvern iżda jmur lil hinn minn hekk, fost oħrajn permezz ta’ spazji, faċilitajiet u opportunitajiet ta’ riċerka sabiex insaħħu lil dan is-settur.

Għal dan il-għan, se jinfetaħ one-stop-shop fin-Nofsinhar ta’ Malta, li se jservi bħala l-ewwel ċentru ta’ taħriġ, riżorsi u riċerka għas-settur tal-volontarjat.

Fl-istess waqt irridu nkomplu noħolqu kultura ta’ pajjiż li jimpurtah u li bħala ċittadini nemmnu fis-sens qawwi ta’ valur addizzjonali li jġib miegħu l-volontarjat. Għal dan il-għan se jkun varat il-kunċett ta’ bank tal-volontarjat biex dawk kollha li jixtiequ jagħtu sigħat b’xejn ta’ volontarjat, inkluż professjonisti, jistgħu jingħaqdu f’dan il-proġett nazzjonali. Dan il-bank se jkun qed jgħin lil għaqdiet volontarji biex jużaw dawn is-servizzi miġbura f’database ċentralizzata.

Fl-istess ħin se nerġgħu nippremjaw lil dawk l-intrapriżi li jagħtu donazzjonijiet lill-għaqdiet volontarji fis-soċjal, fl-ambjent u fil-ħarsien tal-annimali, bi kreditu ta’ taxxa sa massimu ta’ €500.

## Akkomodazzjoni soċjali u affordabbli

Sur President, permezz ta’ dan il-Budget, se nibqgħu nagħtu prijorità u nsaħħu s-settur tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, b’żieda fl-allokazzjoni finanzjarja għal dan is-settur.

## Akkomodazzjoni soċjali

Minkejja l-isfidi preżenti fuq livell globali, matul din is-sena biss, sal-lum ġew allokati 465 unit ta' akkomodazzjoni soċjali għal familji tagħna. Hawnhekk permezz tal-ħidma u l-investiment li qegħdin nagħmlu qegħdin ukoll nindirizzaw il-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali.

Wieħed jista' jinnota wkoll numru ta' proġetti ta' akkomodazzjoni soċjali li ġew inawgurati propju din is-sena fl-Imsida, fis-Siġġiewi, f'Bormla, fil-Qrendi, f'Ħaż-Żebbuġ u f'Ħal Luqa. Qed tkompli l-ħidma fuq diversi siti oħrajn tal-akkomodazzjoni soċjali fosthom is-sit f'Ħal Farruġ ta' madwar 10,000 metru kwadru, fejn b'investiment sostanzjali ta' madwar €40 miljun, dan il-proġett mistenni jinkludi madwar 267 appartament ta' akkomodazzjoni soċjali, kif ukoll garaxxijiet u spazji għall-karozzi li jammontaw għal madwar 300.

Sur President, insemmi wkoll l-iskema Nikru Biex Nassistu, li permezz tagħha numru sabiħ ta' familji qegħdin jgħixu fi proprjetajiet tal-akkomodazzjoni soċjali li jinkrew mingħand il-privat.

Permezz ta' dan il-Budget, se nibqgħu ninvestu f'dan is-settur u nkomplu nsaħħu l-iskemi eżistenti, inkluż il-Benefiċċju tal-Kera, li l-ispiża tiegħu tilħaq madwar €10 miljun fis sena. Għall-fini ta' benefiċċju għas-sussidju fuq il-kera, se nżidu b'€1,000 l-ammont massimu tad-dħul annwali fuq il-kategoriji kollha. Ser nallokaw ukoll is-somma ta' €2 miljuni għall-installazzjoni ta' liftijiet ġodda.

## Akkomodazzjoni affordabbli

Sur President, hawnhekk nixtieq insemmi li fl-aħħar statistika uffiċjali jirriżulta li 85% tal-Maltin huma sidien ta' darhom. Permezz ta' investiment ta' iktar minn €52 miljun, bejn l-2017 u l-2023 għenna 1,391 familja ssir sid ta' darha permezz tal-iskemi Deposit Guarantee, Equity Sharing, Social Loan, New Hope u Sir Sid Darek. Dan il-Gvern jinsab impenjat li jkompli jinvesti f'dawn l-iskemi sabiex jgħin aktar familji jiksbu l-proprjetà tagħhom, filwaqt li joffri soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni inklussivi u sostenibbli.

Sur President, bħalma kien propju dan il-Gvern li nieda l-iskema tal-First Time Buyers, se nibqgħu nsaħħu din l-iskema li minnha qegħdin jibbenefikaw tant żgħażagħ u familji Maltin. S'issa diġà ġew milqugħa 4,895 applikazzjoni u fil-jiem li ġejjin mistennija naraw 463 applikazzjoni oħra. First time buyers ser ikomplu jibbenefikaw ukoll mill-iskema tal-Grant on First Residence (GFR) u mit-tnaqqis fit-Taxxa tal-Boll. L-iskema tat-tnaqqis fit-Taxxa tal-Boll għal second time buyers se tiġi estiża wkoll.

# KAPITLU 4. L-GĦAQAL FIT-TMEXXIJA TAL-FINANZI

Sur President, dak kollu li ħabbart sa issa ma kienx ikun possibbli li kieku ma nħaddnux id-dixxiplina u l-għaqal fit-tmexxija tal-finanzi ta' pajjiżna.

**Id-dixxiplina.** Grazzi għall-ħidma tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta qed naraw riżultati pożittivi fil-ġbir tat-taxxi li huma dovuti, kif ukoll fl-infurzar, biex nassiguraw li t-taxxa dovuta, tinġabar minn kulħadd b'mod ġust u ekwu. Fil-fatt, fl-ewwel sitt xhur tal-2024, inġabru €300 miljun f'arretrati ta' taxxa. Sa issa ġew ukoll konklużi aktar minn 1,200 ftehim ta' ħlasijiet mal-kontribwenti li kellhom bilanċi tat-taxxa. Fl-istess ħin, il-persentaġġ tal-formoli tat-taxxa mibgħuta fil-ħin tela' minn 73% fis-sena 2023 għal 93% fis-sena 2024.

Ir-riżultati miksuba Sur President, jagħtuna aktar kuraġġ li nkomplu bl-investiment bla preċedent ta' €68 miljun fuq perjodu ta' 10 snin, sabiex tiġi installata sistema diġitali u integrata tal-IT li tgħaqqad il-funzjonijiet flimkien. Eventwalment, permezz ta' din il-pjattaforma diġitali, kull min hu dovut li jħallas it-taxxa jkun jista' jivverifika l-istat tiegħu tat-taxxa dak il-ħin.

**L-għaqal.** Minkejja li pajjiżna jinsab taħt l-iskrutinju tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, propju għax għandna defiċit li jaqbeż it-3% tal-PDG, kien xorta waħda possibbli għalija llejla nħabbar dan kollu li għidt u ser nispjega għalfejn. Importanti li kulħadd jifhem għalfejn din in-naħa tal-Kamra hija aħjar biex tmexxi l-finanzi tal-pajjiż. Permezz ta' dan il-Budget, aħna mhux biss kapaċi nimxu

mar-regoli Ewropej, iżda ser inkomplu ngħinu lill-ekonomija, nagħtu lura aktar lin-nies, iżda fuq kollox niżguraw li nkomplu nnaqqsu r-rata ta' defiċit u l-piż tad-dejn ta' pajjiżna.

Irrid ngħid hawn ukoll Sur President, li bħala parti mir-regoli l-ġodda, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kienu obbligati li jdaħħlu dak li jissejjaħ il-Medium-Term Fiscal Structural Plan għand il-Kummissjoni sal-20 ta' Settembru li għadda. Dan huwa pjan li jispjega x-xejra tal-qagħda fiskali tal-pajjiż għas-snin li ġejjin. Bi pjaċir ngħid li konna aħna u stat ieħor biss li rrispettajna din id-data ta' skadenza. Wieħed jgħid, u iva issa ser niftaħru għax għamilna xi ħaġa f'ħinha? Din mhix kwistjoni ta' ftaħir, imma passi bħal dawn isaħħu l-kredibilità ta' pajjiżna għax nuru li nafu x'irridu u fejn irridu naslu.

Ser ngħaddi issa sabiex nagħti rendikont ta' kif qed naraw ix-xejra fiskali tal-Gvern għas-snin li ġejjin. Nibda billi ngħid li fid-Diskors tal-Budget tas-sena l-oħra kont għidt li d-defiċit tal-Gvern għal din is-sena kien mistenni jkun ta' 4.5%. Bi pjaċir inħabbar li l-indikazzjonijiet huma li ser immorru aħjar u minflok ser jirnexxilna nniżżlu d-defiċit għal 4.0%. Għas-sena d-dieħla qed naraw li nniżżlu d-defiċit għal 3.5%, 3.0% fl-2026, u 2.6% fl-2027. Fi kliem ieħor Sur President, filwaqt li r-regoli Ewropej jippermettu 4 snin biex ninżlu taħt it-3%, aħna ser jirnexxilna nagħmlu dan f'sentejn billi nirrispettaw dak li hu msejjaħ bħala 'l-isforz minimu' billi nnaqqsu d-defiċit b'0.5% kull sena.

**Id-dejn.** Sa issa f'dan id-Diskors għadni m'għamilt l-ebda referenza lejn l-Oppożizzjoni. Fuq dan il-punt iżda nħoss li jkolli nagħmel referenza lejn dak li jgħidu għax fin-narrattiva tagħhom

jippruvaw ibeżżgħu u jiżgwidaw lin-nies. Ħa nispjega ftit, Sur President.

L-Oppożizzjoni fuq il-finanzi tal-pajjiż kulma tgħid huwa b'kemm qed jiżdied id-dejn tal-pajjiż f'termini ta' miljuni. Din minnha nnifisha hija analiżi mhux kompluta għax fl-ebda ħin ma jsemmu b'kemm kibret l-ekonomija jew kemm hu l-piż tad-dejn. Nibda bl-ewwel waħda, l-ekonomija mill-2013 'il hawn kibret b'200% jew minn €7 biljuni fis-sena dakinhar għal aktar minn €22 biljun illum. Il-fatt li l-ekonomija kibret daqshekk għaldaqstant wassal sabiex il-piż tad-dejn jonqos matul is-snin. Bħala proporzjon mill-PDG, id-dejn mistenni jkun ta' 49.5% fl-2024 u ta' 50.1% fl-2025. Mela tgħaddi pandemija, tajna sussidji kbar wara li splodew il-prezzijiet tal-enerġija fis-swieq internazzjonali u l-piż tad-dejn tagħna jonqos u jinżel għal 50% - 10 punti perċentwali taħt is-60% stabbilit mir-regoli Ewropej.

L-aħħar punt Sur President, fuq il-fiskal, u nagħlaq hawn fuq dan is-suġġett. Dan li ser ngħid biżżejjed biex wieħed jifhem il-kredenzjali tan-naħa l-oħra fil-qasam fiskali. Meta din in-naħa ġiet eletta fil-Gvern lura fl-2013, il-piż tad-dejn kien ta' kważi 70% tal-PDG. Illum wara 12-il sena u dak kollu li għaddejna minnu, din il-figura niżlet taħt il-50%. Fatti u numri li jitkellmu weħidhom.

## Tabella 4.1: Il-Qagħda Fiskali 2023 - 2024

| | 2023 | | 2024 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali € '000 | | Approvat € '000 | | Rivedut € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 5,864,789 | | 6,251,975 | | 6,530,075 | |
| Dħul Ieħor | 548,225 | | 504,313 | | 658,170 | |
| Dħul Totali | | 6,413,014 | | 6,756,288 | | 7,188,245 |
| Nefqa Rikurrenti | | 6,006,521 | | 6,572,156 | | 6,741,245 |
| Nefqa Kapitali | | 997,917 | | 904,515 | | 1,093,002 |
| Bilanc / Żbilanċ qabel l-Imgħax | (591,424) | | (720,383) | | (646,002) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 214,286 | | 271,700 | | 262,700 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 192,207 | | (87,568) | | 184,300 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(805,710)** | | **(992,083)** | | **(908,702)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(445,656)* | | *(489,145)* | | *(489,247)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(6,295)* | | *(4,685)* | | *(5,021)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Barrani* | - | | - | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(50)* | | *(30)* | | *(30)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(5,504)* | | *(215,000)* | | *(251,246)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *5,318* | | *2,784* | | *2,784* | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *889* | | *889* | | - | |
| | | *(481,298)* | | *(735,187)* | | *(772,760)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,287,008)* | | *(1,727,270)* | | *(1,681,462)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(1,039,129)* | | *(961,830)* | | *(789,801)* | |
| *Self Lokali* | *1,536,336* | | *1,700,000* | | *1,700,000* | |
| | | *497,207* | | *738,170* | | *910,199* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(789,801)* | | *(989,100)* | | *(771,263)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(805,710)** | | **(992,083)** | | **(908,702)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **(133,208)** | | **72,083** | | **4,702** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(938,918)** | | **(920,000)** | | **(904,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **20,650,420** | | **20,286,160** | | **22,323,104** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-4.5%** | | **-4.5%** | | **-4.0%** | |

## Tabella 4.2: Il-Qagħda Fiskali 2023 - 2027

| | 2023 Attwali € '000 | | 2024 Rivedut € '000 | | 2025 Estimi € '000 | | 2026 Estimi € '000 | | 2027 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 5,864,789 | | 6,530,075 | | 6,897,000 | | 7,389,000 | | 7,908,000 | |
| Dħul Ieħor | 548,225 | | 658,170 | | 619,928 | | 658,996 | | 730,166 | |
| Dħul Totali | | 6,413,014 | | 7,188,245 | | 7,516,928 | | 8,047,996 | | 8,638,166 |
| Nefqa Rikurrenti | | 6,006,521 | | 6,741,245 | | 7,000,092 | | 7,243,243 | | 7,540,377 |
| Nefqa Kapitali | | 997,917 | | 1,093,002 | | 1,054,727 | | 1,184,516 | | 1,376,933 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) qabel l-Imgħax | (591,424) | | (646,002) | | (537,891) | | (379,763) | | (279,144) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 214,286 | | 262,700 | | 311,970 | | 344,970 | | 389,970 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 192,207 | | 184,300 | | 204,866 | | 459,783 | | 707,819 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(805,710)** | | **(908,702)** | | **(849,861)** | | **(724,733)** | | **(669,114)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(445,656)* | | *(489,247)* | | *(459,423)* | | *(958,649)* | | *(915,276)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(6,295)* | | *(5,021)* | | *(5,610)* | | *(4,961)* | | *(3,927)* | |
| *Ħlas lura ta' Self Barrani* | - | | - | | *(80,000)* | | - | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(50)* | | *(30)* | | *(30)* | | *(30)* | | *(15)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Fund Speċjali MGS* | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(5,504)* | | *(251,246)* | | *(50,380)* | | *(50,100)* | | *(100)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *5,318* | | *2,784* | | *2,784* | | *2,784* | | *2,784* | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *889* | | - | | - | | - | | - | |
| | | *(481,298)* | | *(772,760)* | | *(622,659)* | | *(1,040,956)* | | *(946,534)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,287,008)* | | *(1,681,462)* | | *(1,472,520)* | | *(1,765,689)* | | *(1,615,648)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(1,039,129)* | | *(789,801)* | | *(771,263)* | | *(743,783)* | | *(709,472)* | |
| *Self Lokali* | *1,536,336* | | *1,700,000* | | *1,500,000* | | *1,800,000* | | *1,600,000* | |
| | | *497,207* | | *910,199* | | *728,737* | | *1,056,217* | | *890,528* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(789,801)* | | *(771,263)* | | *(743,783)* | | *(709,472)* | | *(725,120)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(805,710)** | | **(908,702)** | | **(849,861)** | | **(724,733)** | | **(669,114)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **(133,208)** | | **4,702** | | **2,861** | | **(29,267)** | | **(30,886)** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(938,918)** | | **(904,000)** | | **(847,000)** | | **(754,000)** | | **(700,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **20,650,420** | | **22,323,104** | | **23,885,721** | | **25,557,721** | | **27,397,877** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-4.5%** | | **-4.0%** | | **-3.5%** | | **-3.0%** | | **-2.6%** | |

## Tabella 4.3: Il-Bilanċ tad-Dejn tal-Gvern

| | | | | | € '000 |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| *Stocks* tal-Gvern | 7,813,248 | 9,030,603 | 10,141,149 | 11,075,582 | 11,776,016 |
| *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta | 351,743 | 326,000 | 232,375 | 134,947 | 131,021 |
| *Bills* tat-Teżor | 558,172 | 613,084 | 585,604 | 551,294 | 566,941 |
| Self minn Barra | 492,464 | 492,344 | 412,231 | 412,117 | 412,002 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 158,448 | 159,595 | 159,595 | 159,595 | 159,595 |
| Munita | 102,752 | 114,392 | 119,037 | 123,681 | 128,326 |
| *ESA Rerouted Debt* | 314,569 | 320,228 | 318,009 | 315,733 | 313,399 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **9,791,396** | **11,056,246** | **11,968,000** | **12,772,949** | **13,487,300** |
| Prodott Domestiku Gross | 20,650,420 | 22,323,104 | 23,885,721 | 25,557,721 | 27,397,877 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **47.41%** | **49.53%** | **50.11%** | **49.98%** | **49.23%** |

# KAPITLU 5. INKOMPLU NINVESTU FIN-NIES

Il-Gvern jemmen bis-sħiħ li l-edukazzjoni hija l-pedament ta' soċjetà ġusta, progressiva u sostenibbli. L-edukazzjoni mhux biss tgħin lill-ġenerazzjonijiet ta' issa sabiex jiksbu l-ħiliet neċessarji għall-impjiegi ta' kwalità, iżda wkoll tipprepara lil uliedna bil-valuri, il-prinċipji u l-ħiliet meħtieġa sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom u jsawru lil Malta u Għawdex ta' għada.

## Ninvestu fl-edukazzjoni

Fil-qasam tal-edukazzjoni, qegħdin naħdmu b'determinazzjoni biex nimplimentaw l-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030, bl-għan li nittrasformaw is-sistema edukattiva għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet kollha.

Qegħdin ninvestu fl-edukaturi permezz tat-tiġdid tal-ftehim settorjali, li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2027, li huwa bbażat fuq numru ta' prinċipji maqbulin bejn il-Gvern u l-Unjin tal-Għalliema u jkopri gradi edukattivi, b'total ta' madwar 8,600 edukatur affettwat. Meta mqabbel mar-rapport ta' Eurydice dwar is-salarji tal-għalliema (2021-2022), il-ftehim il-ġdid ta' Malta juri li s-salarji tal-għalliema fl-2024 ser ikunu medja ta' kważi 10% ogħla minn dawk ta' pajjiżi oħra. Din id-differenza vantaġġuża mistennija tiżdied aktar, u tilħaq kważi 15% sal-2027.

Qed jinħoloq ukoll mekkaniżmu ta' appoġġ aktar b'saħħtu għall-edukaturi, li jżid il-livell ta' sodisfazzjon fuq il-post tax-xogħol u sens akbar ta' benesseri, u b'hekk inaqqas l-attrizzjoni.

Barra minn hekk, biex jiġi rikonoxxut aktar ir-rwol kruċjali tal-edukaturi fl-edukazzjoni, l-edukaturi se jkunu direttament involuti fiċ-ċiklu tal-iżvilupp tal-politika permezz tal-mekkaniżmu ta' prekonsultazzjoni bħala rekwiżit għall-iżvilupp tal-politika. Qed jiġi mwaqqaf ukoll il-Forum għall-Għarfien dwar l-Edukazzjoni f'Malta (MEFF), li se jtejjeb is-sinerġija bejn is-settur tal-edukazzjoni, entitajiet esterni u governattivi, kif ukoll l-industrija.

Aħna nifhmu lill-familji li jibagħtu t-tfal tagħhom fi skejjel privati, li għalkemm ilħaqna ftehim sabiex skejjel privati ma jżidux il-miżati tagħhom aktar minn ammont stabbilit u maqbul, dawn raw żieda fl-ispejjeż għalkemm mhux daqskemm kieku ma kienx hemm ftehim. Għalhekk ser inżidu l-ammont li ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom fi skejjel indipendenti jistgħu jnaqqsu għal finijiet tat-taxxa. B'hekk, l-ammont għal min għandu tfal fil-kindergarten se jitla' għal €3,500, fi skola primarja se jitla' għal €4,600 u fi skola sekondarja se jitla' għal €6,500.

Il-Gvern huwa kommess li jimmodernizza u jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq aktar minn 100 skola fuq perjodu ta' 13-il sena. Kull sena, din l-inizjattiva se tiffinanzja 8 proġetti. Dawn il-proġetti kemm jista' jkun se jippromwovu wkoll is-sostenibbiltà, billi jintegraw sistemi effiċjenti fl-użu tal-enerġija u materjali ambjentalment sostenibbli. Dan jikkumplimenta l-investiment li qed isir fl-iskejjel ta' Għawdex, fejn inbnew skejjel ġodda fosthom fir-Rabat Għawdex u nbena ċentru għall-ħarsien tat-tfal, u bosta faċilitajiet ta' rikreazzjoni u sportivi, b'investiment li jiżboq it-€18-il miljun, fil-kampus edukattiv ġewwa r-Rabat Għawdex.

Proġetti oħra jiffukaw fuq it-titjib fl-infrastruttura tal-IT għall-analiżi tad-data u pjattaformi, il-proġett ta' Data Warehouse, flimkien ma' inizjattivi bħall-programm Reading Recovery. Żewġ proġetti oħra sinifikanti li bbenefikaw minn finanzjament mill-Unjoni Ewropea u huma ntiżi sabiex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni huma l-proġett One Device Per Child (ODPC) u l-iskema ta' boroż ta' studju Endeavour II. Is-sena d-dieħla se nkomplu wkoll nipprovdu programmi ta' Scholarships u l-iskemi tal-Get Qualified u Higher Educational Qualifications.

Għal dawk it-tfal li l-familji tagħhom jaqgħu taħt Skema 9 li jammontaw għal madwar 2,500, se nipprovdulhom Librerija fid-Dar b'valur ta' €150. Barra minn hekk, se nkunu qegħdin nagħtu €20 lil kull student fl-iskejjel primarji, medji u sekondarji sabiex jintefqu f'kotba fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb. Dan sabiex nikkumplimentaw il-programmi eżistenti li jinkoraġġixxu l-qari, intejbu l-litteriżmu u nkomplu nkunu ta' spalla għall-pubblikaturi Maltin.

## Inkomplu nsaħħu s-suq tax-xogħol

Sal-aħħar ta' din is-sena, ser tkun ippubblikata għall-konsultazzjoni l-Politika għall-Migrazzjoni Ekonomika.

Il-Gvern ser jiddiskuti u jisma' kemm hemm bżonn. Iżda fl-aħħar mill-aħħar il-Gvern se jiddeċiedi. Se jiddeċiedi favur il-ġid komuni għax aħna nemmnu f'politika fejn il-Maltin u l-Għawdxin iridu jgħixu sereni f'pajjiżhom.

Ekonomija ta' valur miżjud teħtieġ deċiżjonijiet ibsin għaliex wasal iż-żmien li dan il-pajjiż iħares lejn il-pass li jmiss fl-iżvilupp tiegħu.

Jeħtieġ li ma nitilfux lanqas l-għerf ta' dawk li kkontribwew u ħadmu għal ħafna snin. Għalhekk nemmnu li għandna nsaħħu programmi ta' mentoring li għandha l-Jobsplus. Għal dan il-għan ser jinżamm reġistru għall-persuni li jkunu laħqu l-età tal-irtirar u li juru x-xewqa li jkomplu jagħtu sehemhom fix-xogħol sabiex Jobsplus tinforma lil min iħaddem dwar il-ħiliet ta' dawn il-persuni. Dawn il-persuni jibdew jirċievu għotja, li ma taffettwax il-pensjoni tagħhom, għas-servizz ta' mentoring li jkunu qed jagħtu fuq il-post tax-xogħol.

Kif imwiegħed, is-sena d-dieħla se nkomplu nagħtu l-għotja ta' €150 lil persuni li jaħdmu ħinijiet atipiċi f'ċertu setturi.

F'din il-leġiżlatura daħħalna wkoll liġijiet dwar il-ħaddiema tal-pjattaformi diġitali, oħrajn biex saħħaħna l-bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-ħajja privata (work-life balance), introduċejna riforma ħolistika dwar l-aġenziji tax-xogħol jew temping agencies, u liġi li ser tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2025 dwar l-'Equal Pay for Work of Equal Value'.

Issa jmiss li ngħaddu għat-tieni fażi dwar l-emendi li hemm bżonn fil-Wage Regulation Orders (WRO) biex issir ir-reviżjoni meħtieġa sabiex noħolqu uniformità u ċertezza legali. Dawn il-liġijiet ikopru numru ta' setturi varji u huma kruċjali għas-suq tax-xogħol f'pajjiżna.

Ser inkomplu niddiskutu u naħdmu biex jitneħħew l-anomaliji li jeżistu f'setturi differenti tax-xogħol fir-rigward ta' leave u sick leave, ħlasijiet ta' overtime u festi pubbliċi, fost oħrajn. Irridu li l-industrija tax-xogħol, minkejja s-setturi differenti, ikollha armonija ta' kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ġid u l-ġustizzja tal-ħaddiema kollha.

## Is-Servizz Pubbliku

Dan il-Gvern jemmen illi s-Servizz Pubbliku huwa l-id il-leminija tiegħu sabiex dan li qed inħabbru fil-budget, minn fuq il-karta, jinbidel f'realtà. Segwejna diġà l-ġimgħa li għaddiet li l-implimentazzjoni tal- budget għal din is-sena kienet ta' madwar 84%, rata qawwija ħafna li timliena b'kuraġġ. Barra minn hekk, is-sena li għaddiet pajjiżna reġa' ġie kkonfermat fl-ewwel post fil-klassifika tal-e-government fl-Ewropa u dan jixprunana 'l quddiem biex nibqgħu ntejbu lilna nfusna.

Bħalma għamilna f'dawn l-aħħar snin, se nkomplu ninvestu fit-teknoloġija tal-Amministrazzjoni Pubblika u fil-ħiliet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati pubbliċi permezz ta' taħriġ kontinwu u billi nkomplu nagħlqu ftehimiet kollettivi importanti, sabiex nibqgħu niksbu riżultati ta' eċċellenza.

## Ninvestu f'saħħitna

Sur President, irridu ninvestu fin-nies mhux biss billi ntejbu s-settur tal-edukazzjoni u dak tal-impjiegi, iżda wkoll billi ninvestu f'saħħitna billi nsaħħu s-settur tas-saħħa u tal-isport.

Għal sena oħra, il-Gvern beħsiebu jkompli jsostni s-settur tas-saħħa permezz ta' żieda fl-investimenti kapitali u rikurrenti, li dejjem kienu robusti matul dawn l-aħħar snin. Propju f'dan il-qasam, pajjiżna għandu 'l fuq minn €140 miljun f'Fondi Ewropej li ser ikun qed juża biex itejjeb l-infrastruttura u jsaħħaħ l-apparat mediku.

Għalhekk fix-xhur li ġejjin ser jinħareġ it-tender għat-tkabbir tad-Dipartiment tal-Emerġenza, għat-twessigħ tas-servizzi tal-Kura Intensiva u għall-ħolqien ta' Ċentru Psikjatriku Akut. Fl-istess waqt ser jiġu allokati €14-il miljun sabiex listi ta' stennija ta' ċertu operazzjonijiet jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Huwa stmat li matul is-sena li ġejja, ser naraw żieda ta' 'l fuq minn 5,000 fin-numru ta' operazzjonijiet li jsiru permezz ta' din il-kooperazzjoni mal-privat.

Is-servizzi tas-saħħa se jkomplu jitjiebu u jitwessgħu sabiex jilħqu l-iktar firxa wiesgħa ta' pazjenti, fl-iqsar żmien possibbli. Dan se nkunu qed inwettquh bl-introduzzjoni ta' Infermier Navigatur, Kamra Multisensorja f'Dar Kenn Għal Saħħtek, l-introduzzjoni ta' screening nazzjonali għat-tfal minn 18-il xahar 'l fuq u li għandhom diffikultajiet ta' komunikazzjoni, kif ukoll pjanijiet biex l-Iscreening Nazzjonali kollu jiġi ċentralizzat. Beħsiebna nintroduċu wkoll servizzi ta' terapija għall-pazjenti milquta minn ċerti tipi ta' kanċer.

Se nkunu qed nintroduċu wkoll servizzi ta' Occupational Therapy fil-komunità sabiex individwi, minn 16-il sena 'l fuq, ikomplu jiksbu l-ħiliet neċessarji. Is-servizz ta' Occupational Therapy se jiġi pprovdut saħansitra fl-iskejjel sabiex l-iżvilupp ta' tfal bi bżonnijiet varji jkun jista' jiġi indirizzat b'mod aktar dirett.

Se nkunu qed niffinanzjaw ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li se joħorġu mill-Istrateġija Nazzjonali għad-Dijabete, 2024-2030.

Se nkomplu nagħtu prijorità lill-eżerċizzju fiżiku u settur tal-isport inġenerali għaliex l-impatt li għandhom fuq il-benesseri huwa importanti daqs il-benefiċċji fiżiċi.

Għalina l-eżerċizzju fiżiku huwa proċess tul il-ħajja li jrid jibda minn kmieni kemm jista' jkun. Għalhekk is-sena d-dieħla, il-Gvern se jkun qed iħallas l-ewwel 6 xhur tas-sħubija ma' gym għaż-żgħażagħ li twieldu fl-2005, 2006 u 2007.

Matul l-aħħar snin, is-settur tal-isports ingħata importanza kbira fuq diversi livelli. Il-Gvern se jibqa' għaddej b'ħidma u impenn biex dan is-settur jibqa' jikber, u jagħti r-riżultati mixtieqa, permezz ta' titjib infrastrutturali u investiment dirett fl-atleti u sportivi. B'hekk pajjiżna jkollu l-faċilitajiet sportivi ta' standards internazzjonali fejn kulħadd ikun jista' jilħaq l-aspirazzjoni tiegħu.

Wara s-suċċess li sar fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, il-Gvern se jibqa' jagħti sostenn lill-atleti u lill-isportivi permezz tal-għajnuna ta' SportMalta lill-Kumitat Olimpiku Malti, biex l-atleti u sportivi jkunu jistgħu jkomplu għaddejjin bit-taħriġ professjonali tagħhom kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn pajjiżna.

Il-Gvern se jara wkoll li din is-sena tkompli għaddejja l-ħidma marbuta mal-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Motorsport, b'koordinament mal-Malta Motorsport Federation. Fost il-ħidma, il-Gvern se jkun qed jgħaddi t-titli kollha tal-artijiet tat-trakka lil

din il-Federazzjoni. Din is-sena wkoll se jibda x-xogħol marbut mal-ewwel fażi strutturali tal-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Motorsport.

Tlestew ix-xogħlijiet estensivi fuq iċ-Ċentru Akkwatiku u Sportiv fir-Rabat Għawdex, li hu meqjus bħala l-ikbar proġett sportiv għal Għawdex. Inħarsu 'l quddiem biex naraw dan il-proġett jibda jitgawda fix-xhur u s-snin li ġejjin.

Sur President,

Nemmnu li l-attività fiżika u sehem fl-isports jgħin sabiex titjieb is-saħħa mentali iżda dawn waħidhom ħafna drabi ma jkunux biżżejjed. Dan il-budget se jkun qed jintroduċi inizjattivi fis-saħħa mentali fil-komunitajiet tagħna.

Dan se jsir permezz ta' inizjattivi komprensivi li jżidu l-għarfien u l-aċċessibilità għal kura filwaqt li jnaqqsu l-istigma assoċjata mas-saħħa mentali.

Il-Gvern ser ikun qed jestendi u jiffinanzja programmi tal-ewwel għajnuna rigward is-saħħa mentali fil-komunità u fuq il-postijiet tax-xogħol. Dan bil-għan li jitjiebu l-ħiliet li jidentifikaw problemi personali u f'persuni qrib, li jista jkollhom bżonn l-għajnuna.

L-istigma dwar is-saħħa mentali tibqa' sfida għal pajjiżna, u għalhekk ser jitnieda proġett pilota fil-komunità li ħa jkun miftuħ għall-Kunsilli Lokali interessati, biex tingħata l-għajnuna meħtieġa fil-qrib.

Dan ser isir billi jiġu offruti sessjonijiet f'postijiet kemm jista' jkun viċin tal-persuni li qed ifittxu l-għajnuna.

L-aċċessibilità hija prijorità, u għalhekk se noffru wkoll servizz ta' outreach permezz ta' video calls jew telefon.

Dawn l-inizjattivi, li se jkunu amministrati mill-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, se jsiru b'investiment ta' €4.5 miljuni li se jissarrfu f'madwar 90,000 intervent.

# KAPITLU 6. KWALITÀ TA' ĦAJJA AĦJAR

Matul l-aħħar 10 snin, Malta esperjenzat tkabbir ekonomiku b'saħħtu, iżda l-pressjonijiet inflazzjonarji globali u sfidi oħra jfakkru li hemm bżonn ta' adattament kontinwu biex il-pajjiż jibqa' fuq quddiem. Filwaqt li l-investiment dirett barrani għadu kruċjali, l-għan mhuwiex sempliċement li nġibu kwalunkwe investiment, iżda li niżguraw li dawn ikunu allinjati mal-prijoritajiet strateġiċi ta' Malta. Għalhekk, irridu niffokaw b'aktar saħħa fuq setturi ta' valur miżjud u għoli bħat-teknoloġija, l-enerġija rinnovabbli, ix-xjenzi tal-ħajja, u l-manifattura avvanzata. Din il-ħtieġa timplika l-aġġornament tal-politika dwar investiment barrani, speċjalment minħabba ċ-ċaqlieq fix-xenarju ekonomiku globali wara l-COVID.

## Viżjoni Malta 2050: Miri strateġiċi għall-2035

F'dan il-kuntest, Malta qed tniedi Viżjoni komprensiva u li tħares 'il quddiem għall-2050, li se tistabbilixxi d-direzzjoni strateġika tal-pajjiż għad-deċennji li ġejjin, b'għan ċentrali li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini kollha. Il-viżjoni se tinkludi tragwardi ewlenin sal-2035, li se jiżguraw progress kontinwu u sinifikanti lejn din id-direzzjoni strateġika.

Din l-inizjattiva toriġina mill-bżonn li Malta tadatta għal sfidi u opportunitajiet dejjem aktar kumplessi fis-seklu 21. Viżjoni Malta 2050 se tindirizza kwistjonijiet emerġenti bħall-bidla fil-klima, il-qalba teknoloġika, bidliet demografiċi, u d-dinamika tas-suq globali, bl-għan li tpoġġi lil Malta bħala nazzjon reżiljenti, kompetittiv u sostenibbli. Il-viżjoni se sservi bħala pjan għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiż, b'attenzjoni fuq innovazzjoni diġitali, infrastruttura, edukazzjoni, kura tas-

saħħa, u sostenibbiltà, biex niżguraw kwalità ta’ ħajja ogħla għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Hu ppjanat li l-fażi ta’ definizzjoni ta’ din il-viżjoni Malta 2050 tkun lesta sal-aħħar tal-ewwel kwart tas-sena d-dieħla filwaqt li l-ħidma fuq dan il-proġett diġà bdiet.

## Tassazzjoni internazzjonali

Il-qasam tat-tassazzjoni internazzjonali kompla jkun iddominat mit-Two Pillar Solution. Dwar Pillar 2, jiġifieri t-tassazzjoni minima globali (b’rata ta’ taxxa effettiva ta’ 15%), kompla x-xogħol fi ħdan l-OECD u l-Unjoni Ewropea primarjament dwar l-implimentazzjoni ta’ dawn ir-regoli.

Infakkar li Malta kienet għażlet li tiddiferixxi l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva, li minħabba l-inċertezzi li għad hemm, hu għaqli li nkunu kawti. Sadanittant, komplew id-diskussjonijiet intensivi mal-Kummisjoni Ewropea dwar miżuri u inċentivi li Malta tixtieq iddaħħal f’forma ta’ grants jew krediti ta’ taxxa (l-hekk imsejħa QRTCs) ħalli naċċertaw li dawn ikunu konformi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea u tal-OECD. Dan sabiex niksbu ċ-ċertezza u s-serħan tal-moħħ meħtieġ biex Malta tibqa’ kompetittiva.

## Innovazzjoni, start-ups u negozji tal-familja

Fl-2019, Malta kienet waħda mill-ewwel pajjiżi li nediet strateġija dwar l-AI li tħares lejn l-2030, u issa qed terġa’ tagħmel allinjament mill-ġdid tagħha biex tindirizza l-avvanzi regolatorji, soċjali u teknoloġiċi. Waqqafna unit ġdid għall-AI u qed inkomplu

nappoġġjaw il-ħolqien ta' sistemi innovattivi permezz ta' fondi u programmi ta' riċerka.

Malta qed tħejji wkoll l-infrastruttura meħtieġa għad-Digital Identity Wallet, inizjattiva li se tippermetti liċ-ċittadini u n-negozji Maltin jaqsmu l-identità diġitali tagħhom b'mod sigur, faċli u effiċjenti. Dan il-wallet se jkun disponibbli bħala app fuq smartphones.

Il-European Digital Innovation Hub (DiHubMT), proġett ieħor li qed jitwettaq, qed jibni komunità ta' start-ups u SMEs li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn mentorship, servizzi ta' pre-accelerator u incubator, kif ukoll aċċess għal High Performance Computer. Din l-infrastruttura se tgħin biex dawn il-kumpaniji jkollhom l-għodda sabiex jagħmlu r-riċerka tagħhom fi żmien qasir. Sal-lum il-ġurnata biex dawk l-istudenti u start-ups jagħmlu użu minn dan is-servizz iridu jsiefru l-Italja bi spiża ta' madwar €25,000.

Barra minn hekk, is-Seed Investment Scheme reġgħet ġiet imnedija, u qed tagħti inċentivi għal dawk li jinvestu fi start-ups lokali. Il-Malta Government Venture Capital Limited ġiet stabbilita fl-2024 b'fond li jitla' għal €10 miljuni biex tinvesti fl-ishma ta' kumpaniji ġodda.

Il-Budget tal-2025 se jindirizza wkoll sfidi importanti f'diversi setturi permezz ta' miżuri strateġiċi li jsaħħu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali. Fost il-miżuri nsemmi Xjenza Malta li se tkompli tiffoka fuq it-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni, permezz tal-programm FUSION, il-programmi ta' Horizon Europe, il-programmi tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (l-ESA)

u s-sejħa għall-proġetti taħt il-Fond Nazzjonali STEM għall-Komunità. Insemmi wkoll l-investiment fil-Cancer Research and Innovation Hub Malta (CRIHM) u l-FITA (Il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni).

Għal sena oħra, se nerġgħu nestendu l-konċessjoni fuq it-tnaqqis fit-taxxa tal-boll minn 5% għal 1.5% meta negozji tal-familja jiġu trasferiti intervivos lill-ulied u ġenerazzjonijiet iżgħar sabiex inkomplu nassistu lin-negozji tal-familja.

## Manifattura

Permezz ta' entitajiet bħal INDIS u Malta Enterprise qed naraw kif kumpaniji barranin qed jagħmlu investimenti sinifikanti f'Malta. Il-proġett ta' ST Microelectronics flimkien mal-Gvern b'investiment totali ta' madwar €250 miljun jikkonsisti f'ristrutturar u l-espansjoni tal-fabbrika u f'teknoloġija avvanzata għall-ittestjar u l-ippakkjar ta' ċipep diġitali għal industriji varji. Dan il-proġett jinkludi l-implimentazzjoni ta' manifattura awtomatizzata mħaddma minn intelliġenza artifiċjali, li tkompli tpoġġi lil Malta fuq quddiem fl-avvanzi teknoloġiċi.

Investiment ieħor f'settur ekonomiku ġdid hija l-kumpanija GIMAS li qed tinvesti €7.5 miljuni biex twaqqaf fabbrika ġdida f'Ħal Far fil-produzzjoni ta' parts għat-turbini tar-riħ bil-ħolqien fil-prattika ta' green jobs. Barra minn hekk, qed isir xogħol biex tespandi l-fabbrika tal-farmaċewtika Baxter, b'investiment ta' €60 miljun.

Fiż-żona industrijali ta' San Ġwann beda x-xogħol fuq proġett li ħa jkun qiegħed jakkomoda fih laboratorji kif ukoll spazju għal kumpaniji meqjusa bħala light industry filwaqt li f'Ħal Far se jibda ċentru ta' inkubazzjoni tan-negozju biex jgħin start-ups jespandu l-operat tagħhom.

Barra minn hekk, il-Gvern permezz tal-INDIS qed ikompli jagħmel xogħol importanti biex jassisti lin-negozji b'investimenti f'żoni industrijali, inkluż ħidma fuq SME Park f'Ħal Far għal negozji bħal panel beaters, mastrudaxxi, sprayers u oħrajn anke bil-ħsieb li kemm jista' jkun dawn jimxu minn żoni residenzjali. Sar investiment ta' €12-il miljun fil-Crafts Village f'Ta' Qali, fejn qed jitħejjew pjanijiet ta' promozzjoni għall-2025.

Matul din is-sena, ġiet imnedija wkoll pjattaforma ġdida, Invest Gozo li qed tagħti informazzjoni siewja fir-rigward ta' investiment, xogħol u studju f'Għawdex.

## Servizzi Finanzjarji

Wara t-tnedija tal-Istrateġija ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji, l-MFSAC u Finance Malta intensifikaw il-ħidma tagħhom u temmew b'suċċess 19 mid-59 proġett identifikati fl-istrateġija. Saret ħidma sinifikanti dwar is-swieq kapitali, il-pensjonijiet, il-finanzi sostenibbli, l-uffiċċji tal-familja, l-assigurazzjoni, il-kirjiet tal-ajruplani, il-fintech u l-wealth management.

Is-sena d-dieħla ser inkomplu b'dan ir-ritmu hekk kif ser jibdew terz tal-proġetti identifikati fl-istrateġija. Qed nippjanaw ukoll li ngħaddu leġiżlazzjoni biex inkomplu nsaħħu l-attrazzjoni ta'

Malta f'dan il-qasam, inkluż dwar l-uffiċċji tal-familja, il-kirjiet tal-ajruplani, kif ukoll Fintech u AI. Fl-2025 se ngħaddu leġiżlazzjoni dwar Limited Partnerships bil-ħsieb li nippromwovu dawn l-oqsma ġodda f'pajjiżna.

## Gaming

Is-settur tal-gaming qed ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija ta' Malta, b'valur miżjud ta' 7% tal-PDG u 16,428 impjieg sal-aħħar tal-2023. Il-Gvern qed jiffoka fuq l-espansjoni ta' setturi ġodda bħal logħob tal-vidjo, esports, u teknoloġiji immersivi. Inizjattivi bħal Video Gaming Gateway qed joffru appoġġ finanzjarju għal proġetti innovattivi, filwaqt li Basecamp qed tgħin start-ups fl-iżvilupp tal-logħob tal-vidjo u l-esports. L-inizjattivi tal-Gaming Malta qed jipprovdu wkoll taħriġ għal 400 student. Fil-bidu tal-2025 se tiġi introdotta viża għall-atleti tal-esports biex tiffaċilita l-moviment tat-talent fil-pajjiż. Timijiet internazzjonali bħall-Furia u Talon esports diġà għażlu lil Malta bħala l-bażi Ewropea tagħhom.

## Back-office operations

Qed nieħdu inizjattivi biex inkomplu ninkoraġġixxu t-twaqqif f'Malta ta' attivitajiet ta' back-office bħal servizzi amministrattivi u ta' sapport, kemm f'dak li jirrigwarda attivitajiet liċenzjabbli mill-awtoritajiet regolatorji, kif ukoll dawk li ma jirrikjedux liċenzji.

Minbarra l-faċilitajiet li joffri pajjiżna f'dan is-settur, se tkun qed tiġi estiża l-miżura tal-Highly Qualified Persons.

## It-Turiżmu

Għal snin twal l-isfida ewlenija għal dawk li kienu joperaw fl-industrija tat-Turiżmu f'Malta kienet li nattiraw biżżejjed volumi ta' turisti.

L-ekonomija ta' għada titlob kwalità mhux kwantità.

Fl-aħħar snin wessajna l-istaġjonalità sabiex illum nattiraw it-turisti matul l-erba' staġuni, tant li huwa mistenni li sal-aħħar ta' din is-sena l-iljieli mqatta' f'pajjiżna jilħqu t-22 miljun lejl. Qegħdin niġbdu lejna numri ta' turisti ta' etajiet differenti li jfittxu esperjenzi differenti u akkommodazzjonijiet differenti.

Żdiedet ukoll il-konnettività bl-ajru biex illum aħna konnessi direttament ma' madwar 110 ajruport b'titjiiriet frekwenti matul is-sena kollha. Żdiedet ukoll in-nefqa turistika u żdiedu l-opportunitajiet sabiex inħajru lit-turisti jonfqu flushom waqt il-btala tagħhom fostna. Dan ifisser li għall-ewwel darba l-kontribut turistiku fl-ekonomija ta' pajjiżna se jaqbeż it-€3 biljun.

Il-marketing li qiegħed isir qiegħed jgħin sabiex nikbru kemm fis-swieq Ewropej, bħal per eżempju s-suq Żvizzeru b'14%, is-suq Skandinavu b'żieda ta' 9%, is-suq Awstraljan bi 2%, is-suq Amerikan b'żieda ta' 22%, u numru ta' swieq oħra ġodda long-haul li kollettivament qegħdin jaraw żieda ta' 20% meta mqabbla mas-sena li għaddiet.

Qegħdin naraw li ras għal ras in-nefqa turistika qiegħda dejjem tiżdied, bl-aħħar riżultati juru li sa Awwissu ta' din is-sena n-nefqa kienet telgħet għal €904 kull persuna. B'mod kumulattiv din iż-żieda se tfisser €56 miljun iżjed fl-ekonomija ta' pajjiżna.

Qegħdin naħdmu biex permezz tal-integrazzjoni tal-iskills pass fl-industrija tal-ospitalità naraw titjib sostanzjali fis-servizz offrut fir-ristoranti u l-lukandi tagħna kemm għat-turisti lokali u anke dawk barranin.

Il-kwalità fuq il-kwantità tgħodd ukoll għal Għawdex.

Għawdex għandu karatteristiċi uniċi li rridu nippreservaw għax dak huwa l-mod kif iżżomm il-valur u s-sostenibbiltà tiegħu. Irridu nkomplu nindirizzaw l-insularità doppja ta' Għawdex, u nibqgħu impenjati li nassiguraw il-konnettività ta' Għawdex.

## Agrikoltura u s-Sajd

Din is-sena bdejna nwettqu r-riforma fil-qasam tar-raba', billi waqqafna Aġenzija responsabbli mill-art agrikola, bdejna nirreġistraw il-kirjiet agrikoli u neħħejna t-taxxa tas-suċċessjoni fuq art mikrija.

Ser nagħtu inċentivi lil bdiewa mhux kummerċjali li għandhom raba' agrikola mikrija lilhom mingħand il-Gvern sabiex jidħlu f'arranġamenti ma' bdiewa kummerċjali li jkunu lesti jaħdmu dik l-art. Dan ser ikun ikkumplimentat minn proġett pilota fejn art agrikola tkun offruta għal kiri lill-bdiewa ġodda jew dawk li jridu jkabbru l-operat tagħhom fuq il-kunċett tal-prezz ġust

u l-kategorizzazzjoni tal-bdiewa. Ser inkunu qed inħejju wkoll pjan nazzjonali għal ġestjoni tal-ilma tat-tisqija u ser nesploraw mekkaniżmi li jindirizzaw ir-riskji klimatiċi li jaffaċċjaw il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda.

Is-sena d-dieħla se nwaqqfu Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel sabiex ikollna regolatur wieħed f'dan il-qasam, filwaqt li jkollna awtorità responsabbli li tiżgura s-sigurtà tal-ikel f'każ ta' kriżi. U sabiex innaqqsu l-ħela tal-ikel, ser nagħtu inċentiv fiskali lill-produtturi u l-bejjiegħa tal-ikel sabiex prodotti li jkunu qed joqorbu d-data tal-iskadenza tagħhom jingħataw għall-bżonnijiet soċjali jew jinbiegħu bi prezz ridott. Dan filwaqt li se nkomplu ninvestu biex intejbu l-operat fil-Biċċerija Pubblika u fil-Pixkerija.

Hekk kif ġew megħjuna setturi oħra sabiex l-operat tagħhom jikkawża anqas tniġġis, ser ngħinu lis-sajjieda sabiex jaddottaw prattiċi, tagħmir u rkapti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Dan flimkien ma' aktar investiment infrastrutturali ġewwa l-portijiet tas-sajd b'sistemi ta' pillars u winċijiet sabiex inkomplu nsostnu s-settur.

Permezz ta' proġett ta' €4 miljuni minn fondi tal-Unjoni Ewropea, se nsaħħu d-diġitalizzazzjoni fis-setturi tas-sajd u l-akwakultura. Wara li waqqafna l-ewwel aġenzija tar-riċerka għas-sajd u l-akwakultura, se nkunu qed nimplimentaw numru ta' proġetti anke permezz ta' kollaborazzjonijiet internazzjonali, filwaqt illi nvaraw il-proċess għal ċentru ġdid tal-akwakultura.

Bħalma għamilna dawn l-aħħar 10 snin, se nkomplu ngħinu lil dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali permezz ta' skemi finanzjarji.

Bl-għan li noħolqu kundizzjonijiet ekwi fis-suq, se nnaqqsu d-dazju tas-sisa fuq birra b'kontenut baxx ta' alkoħol prodotta minn birreriji żgħar u indipendenti f'Malta. Se jkun hemm bidla f'kif tiġi kkalkulata s-sisa fuq il-birra li se tinbidel minn degree Plato għall-ABV%.

Id-dazju tas-sisa fuq produtturi żgħar tal-inbid se jitnaqqas ukoll b'mod sinifikanti, u b'hekk jagħti spinta lis-settur, u dan għandu jwassal ukoll għal qligħ aħjar għall-bdiewa tagħna.

## Ekonomija ħielsa mill-karbonju sal-2050

Gvern li jaspira għal kwalità ta' ħajja aħjar, iħares li jagħmel dan minn kull aspett. Kwalità ta' ħajja aħjar tgħaqqad flimkien it-tkabbir ekonomiku ma' anqas emissjonijiet; iż-żieda fl-investiment mal-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp infrastrutturali mat-tħaddir urban. B'mod strateġiku u b'mod ippjanat, irridu li l-komunitajiet madwar l-iżvilupp ekonomiku li jkun għaddej mhux biss jiġu protetti imma jkunu wkoll benefiċjarji diretti. Hawnhekk, irrid insemmi t-twaqqif tal-Climate Action Authority illi diġà bdiet topera bl-irwol li tmexxi 'l quddiem pjan strateġiku ta' kif il-Gvern se jilħaq il-miri ta' ekonomija ħielsa mill-karbonju sal-2050.

Bħala parti minn din l-istrateġija ser inkomplu nappoġġjaw lir-residenzi li jinvestu f'sistemi ta' enerġija rinnovabbli u tagħmir li jżid l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ilma fid-dar tagħhom. Għal

sena oħra se nkunu qed nappoġġjaw skemi għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi u sistemi ta' batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli; skemi għall-installazzjonijiet ta' heat pump water heaters u solar water heaters; inċentivi biex bjar ta' djar antiki jiġu restawrati u skema ta' tagħmir ta' purifikazzjoni tal-ilma. Bl-istess mod se nkomplu ninċentivaw lis-settur privat sabiex jiżviluppa installazzjonijiet kbar ta' enerġija rinnovabbli.

## It-transizzjoni lejn enerġija nadifa

L-akbar riżorsa naturali li għandu pajjiżna huma x-xemx u l-baħar: żewġ elementi li kapaċi jgħinu lil pajjiżna jagħmel il-qabża li jmiss fil-produzzjoni tal-enerġija. Produzzjoni tal-enerġija nadifa, b'impatt dirett fuq l-ambjent u tkabbir ekonomiku sostenibbli. Opportunitajiet ta' investiment fl-ekonomija l-ħadra u l-ekonomija l-blu, u opportunitajiet ta' ġenerazzjoni ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli. Għalhekk li b'mod tanġibbli qed inħarsu lejn l-użu tar-riħ fiż-żona ekonomika esklussiva fl-ibħra tagħna u l-proġetti mix-xemx fl-ibħra territorjali.

Din il-viżjoni hija waħda strateġika, li qed tiżviluppa b'mod tanġibbli pass wara pass: (i) l-implimentazzjoni tat-tieni interconnector biex inkomplu nsaħħu l-istabbilità fin-network; (ii) investiment għall-ħażna tal-enerġija tal-massa bl-użu ta' batteriji fuq l-art; (iii) it-tnedija tal-politika nazzjonali biex tixpruna proġetti ta' enerġija rinnovabbli; u (iv) konsultazzjoni preliminarja fis-suq biex jiġi evalwat l-interess u kemm hu ppreparat is-suq.

Wara li din is-sena ġew identifikati 6 żoni potenzjali għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli, sar Strategic Environmental Assessment li identifika 2 żoni fejn żvilupp ta' dan it-tip ikollu l-inqas impatt ambjentali.

Il-karatteristiċi batimetriċi tal-baħar territorjali ta' Malta, u dawk lil hinn, jirrestrinġu ħafna żoni adattati għal turbini tar-riħ fissi mal-qiegħ tal-baħar; madankollu, it-teknoloġija tar-riħ offshore, li hija floating, tippreżenta soluzzjoni alternattiva biex tieħu vantaġġ mill-enerġija tar-riħ f'dan il-kuntest. Qed inħarsu wkoll lejn proġetti tax-xemx nearshore.

## It-transizzjoni lejn trasport pubbliku u privat iktar nadif

Id-domanda fl-infrastruttura tagħna ġġib magħha sfidi li bħala Gvern dejjem indirizzajna u li rridu nibqgħu nindirizzaw sabiex it-tkabbir jibqa' wieħed sostenibbli. Għalhekk, fil-budget għas-sena d-dieħla, qed nindirizzaw dawn l-isfidi b'miżuri li jsaħħu l-effiċjenza, itejbu l-aċċessibbiltà, u jgħinu lil Malta timxi lejn sistema ta' mobbiltà aktar moderna.

Il-Gvern kompla jsaħħaħ l-inizjattiva ta' trasport pubbliku b'xejn permezz tal-estensjoni tal-laneċ bi skeda li joperaw bejn il-Belt Valletta u l-Kottonera u bejn il-Belt Valletta u Tas-Sliema. Barra minn dan, qed inħarsu lejn żieda fir-rotot, żieda fin-numru ta' vetturi.

Dan barra l-investiment li se jkompli jsir fil-qasam tas-servizzi tal-fast ferry u fi proġetti ħolistiċi li jagħmluha possibbli biex jiżdied l-użu tat-trasport tal-massa bil-baħar. Għal dan il-għan,

għaddej xogħol preparatorju għal proġett ta' parkeġġ taħt l-art viċin żoni tal-ferries u qed insaħħu l-infrastruttura tal-portijiet u l-mollijiet billi jitkompla x-xogħol ġewwa l-Port il-Kbir u d-Deep Water Quay.

Għas-sena d-dieħla l-Gvern ser ikompli jsaħħaħ l-impenn tiegħu b'investiment qawwi biex titrawwem infrastruttura tat-trasport aktar nadifa u effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha.

Mis-sena d-dieħla l-iskema għax-xiri ta' vetturi ġodda li jaħdmu bl-elettriku ser tiġi estiża u kull min jixtri vettura ġdida, inkluż muturi, li jaħdmu bl-elettriku ser ikun intitolat għal għotja li tvarja bejn massimu ta' €2,000 għal muturi, u sa massimu ta' €8,000 għal karozzi u vannijiet żgħar, b'xi kundizzjonijiet ġodda li se jkunu japplikaw.

Ser tingħata wkoll l-għotja għall-iskrappjar ta' vetturi antiki, €1,000 għal karozzi u vannijiet. Se tinżamm ukoll l-għotja finanzjarja addizzjonali ta' €1,000 fuq skrappjar ta' vetturi antiki rreġistrati f'Għawdex. Huwa ppjanat li din l-iskema tkun iffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Fond ta' Rkupru u Reżiljenza.

Barra minn hekk, il-Gvern ser jintrabat li meta klijenti jkunu ordnaw karozza elettrika ġdida sal-lum it-28 ta' Ottubru 2024, iżda għal xi raġuni din mhux ser tkun reġistrata fl-2024, ser inkunu qegħdin nonoraw dawn il-kuntratti u dawn ser ikunu eliġibbli li japplikaw għall-għotja attwali ta' €11,000 ta' din is-sena anke jekk il-karozza tkun reġistrata fl-2025.

L-iskema li tinċentiva x-xiri ta' pedelecs u xiri ta' ekickscooters ġodda għal użu personali ser tiġi estiża wkoll.

Is-sena d-dieħla, vetturi elettriċi u dawk plug-in hybrid b'awtonomija elettrika ta' 50km jew iktar ser jibqgħu eżentati mit-taxxa ta' reġistrazzjoni u eżenti mill-ħlas tal-liċenzja annwali tat-triq għal perjodu ta' 5 snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni.

L-iskemi fejn qed tingħata għotja ekwivalenti għal rifużjoni sħiħa tal-VAT fuq roti u roti elettroniċi, se terġa' tiġi estiża. L-istess jgħodd għall-iskema li tinċentiva x-xiri ta' roti assistiti b'mutur tal-elettriku u l-għotja għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol.

L-iskema għall-vetturi (bħal Taxis) li jkunu aċċessibbli b'siġġu tar-roti u li jintużaw għal ġarr ta' passiġġieri bil-kiri jew b'kumpens, ser tiġġedded ukoll.

Ser tiġġedded ukoll l-iskema fejn tinċentiva x-xiri ta' roti assistiti b'mutur tal-elettriku.

Fl-aħħar nett, ser tiġġedded ukoll l-iskema li tħajjar il-konverżjoni ta' vetturi li jaħdmu bil-petrol jew diżil għal vetturi elettriċi.

Il-Gvern ser ikun qed jippubblika strateġija nazzjonali li tiffoka fuq iċ-ċikliżmu bħala mezz alternattiv ta' kif wieħed jivjaġġa filwaqt li se jiġi implimentat l-ewwel fażi tal-proġett CSAM (Connections for Safer Active Mobility) li jinkorpora interventi bħall-ħolqien ta' passaġġi għar-roti kif ukoll passaġġi pedonali u żoni ta' tisbiħ f'żoni urbani.

L-użu tat-teknoloġija wkoll għandu rwol importanti f'immaniġġjar aħjar tat-traffiku u l-Gvern se jkun qed jinvesti fit-teknoloġija magħrufa bħala Intelligent Traffic Management System li tikkontribwixxi sabiex ikun hemm ottimizzazzjoni tal-influss tat-traffiku.

Barra minn dan qed inħarsu lejn numru ta' proposti li jistgħu jitwettqu fi żmien qasir bl-għan li ntaffu l-konġestjoni, speċjalment fil-peak hours. Il-prijorità f'din il-ħidma hija li norganizzaw aħjar it-toroq tagħna u nadattaw għall-ekonomija moderna ta' 24 siegħa kuljum.

Il-proposti jwasslu wkoll għat-tisħiħ fil-koordinazzjoni tax-xogħlijiet fit-toroq, għal titjib fit-trasport pubbliku, għal skemi ta' parkeġġi, għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-karozza privata u t-transizzjoni lejn mobilità sostenibbli.

Dwar dawn il-proposti, l-Gvern diġà beda konsultazzjoni nazzjonali mal-partijiet soċjali, inkluż il-ġimgħa li għaddiet f'laqgħa speċifika mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali. Il-mod kif dan il-Gvern qed jikkonsulta ntlaqa' b'mod pożittiv u għalhekk qed inħarsu 'l quddiem lejn it-twettiq ta' dan il-pjan short-to-medium-term li huwa bbażat fuq il-prinċipju li ma jkunux in-nies li jerfgħu l-piż tal-bidliet meħtieġa.

**Ninvestu fl-infrastruttura tad-dawl u l-ilma, tal-immaniġġjar tal-iskart u tat-toroq**

Tul din is-sena rajna ħidma qawwija mill-Enemalta, bil-kollaborazzjoni ta' Infrastructure Malta u Transport Malta biex jissaħħu mat-82 kilometru ta' cables f'19-il lokalità. Inbeda l-proċess biex jitkompla x-xogħol fuq it-tielet fażi, bil-għan li aktar lokalitajiet jiġu msaħħa. L-isfidi nafuhom, imma bi bżulija u bi strateġija kapaċi nindirizzawhom. It-tisħiħ fl-infrastruttura tad-dawl ma jiqafx mat-tqegħid tal-cables iżda għaddej investiment kontinwu fis-substations, ċentri ta' distribuzzjoni u feeders tad-dawl, fost oħrajn.

L-istess fl-infrastruttura tal-ilma, fejn qed ninvestu fi proġetti sostenibbli u teknoloġiji ġodda li jindirizzaw l-isfidi ta' għada. Bil-pjan nazzjonali ta' implimentazzjoni b'valur ta' €310 miljuni mifrux fuq 10 snin, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed taħdem fuq miżuri konkreti biex tissodisfa din id-domanda bi provvista ta' ilma ta' kwalità għolja, bi qbil mad-Direttivi Ewropej u b'għan ċar lejn is-sostenibbiltà fosthom il-produzzjoni tan-New Water biex inkomplu nkabbru l-produzzjoni u nwessgħu l-firxa tan-New Water u l-upgrade fin-network tad-drenaġġ.

Sur President, kwalità ta' ħajja aħjar tfisser ukoll ambjent aħjar.

Fl-immaniġġjar tal-iskart bdiet topera linja ġdida tal-ħġieġ li qed tagħti prodott finali tal-ogħla kwalità konformi mal-istandards internazzjonali. Bl-użu ta' pasteuriser, materjal li jibqa' fl-aħħar tal-proċess tal-iskart organiku, wara li minnu nkunu ġġenerajna l-enerġija, jiddawwar f'addittiv għall-ħamrija u jingħata b'xejn lill-bdiewa tagħna.

Il-WasteServ qed taħdem fuq diversi proġetti ta' skala kbira li ġew imfassla sabiex intejbu l-infrastruttura eżistenti. Fi ftit xhur oħra se tkun bdiet tinbena faċilità ġdida li se tkun qed tissepara skart goff li jidħol imħallat. Bis-saħħa ta' din il-faċilità se nkunu qed inaqqsu madwar 47,000 tunnellata ta' skart milli jispiċċa fil-miżbla u minflok se nkunu qed nirkupraw minnu materjali riċiklabbli, bħal metall u injam, biex minnhom noħolqu riżorsi ġodda.

Fost il-proġetti li qed isiru sabiex intejbu l-infrastruttura tat-toroq u nsebbħu l-lokalitajiet, din is-sena nedejna Vjal Kulħadd li hija skema ġdida ta' €10 miljuni li Infrastructure Malta qed tħaddem għat-tisbiħ tal-Kunsilli Lokali kollha. Barra minn hekk, matul l-2025, il-Gvern permezz tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, ser ikun qiegħed ikompli jsaħħaħ ir-relazzjoni tiegħu mal-Kunsill Lokali wara din is-sena, ġie iffirmat ftehim storiku b'allokazzjoni totali ta' €10 miljuni. Fi ftit xhur diġà rajna Kunsilli Lokali li bdew proġetti importanti fil-lokalitajiet tagħhom għall-ġid tar-residenti.

Se jkunu wkoll qed jitlestew kompletament proġetti ta' rijorganizzazzjoni ta' traffiku f'Tal-Barrani, Ħal Qormi u anke Ħal Kirkop. Dan filwaqt li se nkomplu anke ntejbu l-infrastruttura tat-toroq speċjalment dawk arterjali ġewwa Għawdex.

## Inħaddru l-lokalitajiet

F'sentejn biss, permezz ta' Project Green, Ambjent Malta u GreenServ ħloqna aktar minn 105,000 metru kwadru ta' spazji miftuħa. Fl-istess perjodu tħawlu 'l fuq minn 26,000 siġra. Dan ma jinkludix proġetti oħra mwettqa minn entitajiet oħra u mill-

Kunsilli Lokali nfushom. Spazji ħodor li huma aċċessibbli għal kulħadd u jħarsu s-sostenibbiltà – bħall-inklużjoni ta' ġibjun, passaġġi magħmula minn materjal naturali, tagħmir magħmul minn materjal riċiklat u użu ta' enerġija rinnovabbli fost oħrajn.

Din is-sena, Project Green intervjeniet fuq 11-il wied biex dawn l-ispazji jkunu siguri għal min jaċċessahom filwaqt li jitnaddfu għall-preservazzjoni tal-ilma tax-xita. Dan ix-xogħol jestendi wkoll fuq siti ta' Natura 2000 kif ukoll f'żoni ta' konservazzjoni. L-interventi saru f'Kemmuna, ir-Ramla l-Ħamra, il-Magħluq ta' Marsaskala, Għajn Tuffieħa u l-Park tal-Majjistral.

Din is-sena żdiedu wkoll 4 siti ġodda ta' Konservazzjoni ta' Importanza Nazzjonali.

Qed inħarsu lejn il-ftuħ ta' aktar spazji ġodda matul l-2025, inkluż f'żoni b'potenzjal għal żvilupp f'Ħal Luqa, Ħal Lija, San Ġiljan u Ħal Kirkop. 8,000 metru kwadru ta' spazji għan-nies ġol-qalba tar-raħal. Dawn jiffurmaw parti minn 19-il proġett li Project Green waħedha mistennija tiftaħ is-sena d-dieħla.

## Ninvestu fis-sigurtà tiegħek f'pajjiż ġust

Kwalità ta' ħajja aħjar tiddependi wkoll fuq is-sigurtà u s-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna.

Is-sena d-dieħla ser ninnegozjaw ftehimiet settorjali ġodda għall-membri tal-Forzi Armati ta' Malta u dawk tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Kien dan il-Gvern li ta l-ewwel ftehimiet settorjali lil dawn il-ħaddiema u issa se nibnu fuqhom.

Fil-fatt, fl-aħħar xhur kien iffirmat ftehim settorjali għall-membri tal-Korp tal-Pulizija u s-sena d-dieħla ser inkomplu nsaħħu miżuri li daħħalna fl-aħħar budget u li tant intlaqgħu tajjeb. Se ntejbu l-iskema li bdejna din is-sena għal dawk li jdumu iktar minn 25 sena fis-servizz u jilħqu d-29 sena servizz.

Is-sena d-dieħla se nestendu l-Pulizija tal-Komunità mal-pajjiż kollu u se nniedu l-Police Patrol and Comunity Support Officers. B'dan il-proġett li jiffoka fuq aktar Pulizija fit-triq, bix-xogħol fuq ir-rinnovazzjoni tal-għases li ma jaqta' xejn u bil-mod kif għases li għal snin twal kienu magħluqa nbidlu f'uffiċini tal-Pulizija tal-Komunità, illum għandna l-ikbar preżenza ta' Pulizija fit-toroq.

Għas-sena d-dieħla l-mira hi li jinfetaħ ukoll it-tieni hub għall-vittmi tal-vjolenza domestika fl-Imtarfa u tibda tingħatalhom il-faċilità tal-panic alarms.

Meta l-vittmi tal-vjolenza domestika jkunu mitluba jidhru quddiem il-Qorti, ser ikun introdott servizz ta' wens li jinkludi childcare għal dawk li jkollhom it-tfal u servizz ta' carer fir-residenza għal dawk il-vittmi li għandhom responsabbilità ta' persuni anzjani u persuni b'diżabilità dipendenti fuqhom.

Irridu wkoll naslu biex f'dan il-pajjiż jibda jitħaddem il-moniteraġġ elettroniku għall-ewwel darba. Ser tkun riforma oħra kbira, fejn bil-loġistika issa kważi fis-seħħ, imiss li l-liġi tal-moniteraġġ elettroniku tgħaddi mill-istadji kollha.

Irridu li l-vittma tibqa' tħossha dejjem li saret ġustizzja magħha, fl-istess ħin li ninvestu f'sistemi moderni ta' dan it-tip u fir-rijabilitazzjoni fejn qed jitkompla wkoll il-proġett ta' half-way houses ġodda għar-rijabilitazzjoni tal-priġunieri.

Sur President,

Irridu li pajjiżna jkun mgħammar bl-aħjar mod possibbli anke meta jiffaċċja diżastru naturali. Inħatar kumitat taħt l-uffiċċju tal-Kap tas-Servizz Pubbliku li jevalwa x-xenarji rispettivi li joħorġu min-National Emergency Response Framework Programme (NERFP). B'ħidma parallela bdew jiġu identifikati n-nuqqasijiet.

Ser nibdew bi proġetti żgħar imma ta' importanza kbira, bħal Media Policy u strateġija għall-inċidenti maġġuri. Ser nibdew nirristrutturaw Boiler Wharf ġewwa l-Isla ħalli jservi biex jassigura li jkun hemm faċilitajiet adegwati biex jinżamm l-apparat meħtieġ f'każ ta' kriżi marittima. Il-ħsieb huwa li 'l quddiem ikun hemm żona għal kamra tat-taħriġ u kamra tal-kontroll tal-emerġenzi.

Pajjiż sigur irid ikun ikkumplimentat b'ġustizzja effettiva bi proċeduri effiċjenti. F'dan ir-rigward il-Gvern kompla jimplimenta riformi u jinvesti bla preċedent fil-qasam tal-ġustizzja biex inkomplu nsaħħu s-Saltna tad-Dritt u nżidu l-aċċessibilità għall-ġustizzja.

Fost ir-riformi nsemmi r-riforma ċentrali li mistennija tkun marbuta mal-Qorti tal-Familja, it-tisħiħ fl-irwol tal-Avukat tat-tfal u r-riformi fil-kumpilazzjonijiet u l-inkjesti. Dan filwaqt li nkomplu l-proċess ta' speċjalizzazzjoni, l-istess kif sar biż-żieda

fil-Maġistratura. L-ispeċjalizzazzjoni se tkun ukoll riflessa fit-twaqqif ta' Qorti Kummerċjali.

L-istess kif komplejna u se nkomplu ninvestu f'korp akbar tal-Ġudikatura, b'kundizzjonijiet li jixirqilhom, rajna li bi djalogu mal-istess membri tal-Ġudikatura, inħarsu lejn kif nistgħu nżidu l-istandards etiċi u fuq kollox il-kwalità fis-servizz mistenni miċ-ċittadini. Din il-ħidma se tkun riflessa f'emendi kostituzzjonali, li wieħed jittama li jsibu l-appoġġ mifrux ta' din il-Kamra.

Dawn ir-riformi leġiżlattivi qed ikunu kkumplimentati b'investiment, kemm fir-riżorsi umani u kif ukoll dawk infrastrutturali, inkluż dawk diġitali. Wara li kompla jiġi mmassimizzat l-ispazju fil-bini tal-Qorti, inkluż b'Awla ġdida għal ġurijiet, mistenni jibda wkoll ix-xogħol fuq it-twaqqigħ u l-kostruzzjoni tal-bini biswit il-Qorti.

## Inkattru rispett u responsabbiltà fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-propjetà

Is-settur tal-kostruzzjoni għaddej minn proċess riformattiv, mhux biss bl-aġġornament ta' liġijiet u regolamentazzjoni, imma wkoll fl-investiment f'servizzi intiżi li jkunu ta' assistenza diretta lil terzi persuni affettwati mis-settur.

Fiċ-ċentru ta' din il-ħidma hemm 2 awtoritajiet regolatorji, l-Awtorità dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni, il-BCA u l-Awtorità dwar is-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, l-OHSA. L-inizjattivi kkordinati bejn dawn iż-2 Awtoritajiet laħqu l-qofol tagħhom, fit-tnedija tal-Helpline 138 li jipprovdi sistema ta' 24/7 ċentralizzata

għal rapport jew ksib ta' informazzjoni relatata mal-kostruzzjoni, is-saħħa u s-sigurtà.

Fiż-żmien li ġej, din il-kollaborazzjoni se tkompli ssaħħaħ il-kordinament f'dak li għandu x'jaqsam mal-infurzar. Dan seta' jkun aktar possibbli wara li l-Parlament approva l-Att il-ġdid dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, b'deterrent aktar effettiv li se jikkontribwixxi għal kultura ta' aktar rispett u responsabbiltà.

Il-BCA, se tkompli wkoll taħdem fuq aktar servizzi li joffru għajnuna tanġibbli, kif diġà għamlet bis-servizz bla ħlas ta' avukati u periti biex jgħinu lil terzi persuni affettwati mill-kostruzzjoni. Fl-istess waqt se tkompli tvara diversi inizjattivi, fosthom l-iskema Irrinova Darek biex familji bi dħul baxx jew medju jkunu megħjuna jirrinovaw darhom b'aktar enerġija sostenibbli u effiċjenti.

L-OHSA, se tistabbilixxi ċentru f'Għawdex biex toffri servizz aktar immedjat. Dan filwaqt li se tistabbilixxi reġistru uffiċjali li jinkorpora l-esperti li jaħdmu fis-settur tas-Saħħa u s-Sigurtà, ibbażat fuq kwalifiki, u esperjenza.

Għaddejja ħidma biex tiġi fis-seħħ struttura ġdida tad-Direttorat tal-Konformità u l-Infurzar wara tibdil fil-prattiċi ta' ħidma sabiex kull uffiċjal tal-infurzar ikun responsabbli minn lokalità sħiħa, u mhux skont jekk is-sit jinsabx fiż-żona tal-iżvilupp jew barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ) jew fiż-żona ta' konservazzjoni urbana (UCA).

Barra minn hekk, ser nestendu għal sena oħra l-inċentivi fiskali għal propjetà isbaħ għal dawk il-persuni li qed jixtru jew ibigħu propjetà li ilha mibnija għal aktar minn 20 sena u ilha vakanti għal aktar minn 7 snin jew propjetà li tinsab f'żona ta' UCA jew propjetajiet ġodda li huma żviluppati skont kriterji approvati. L-inċentivi fiskali jinkludu l-eżenzjoni tat-taxxa tal-Capital Gains u t-taxxa tal-Boll fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà, iffrankar ta' VAT sa massimu ta' €54,000 fuq l-ewwel €300,000 fi spejjeż ta' restawr u rfinar u għotja ta' €15,000 f'Malta u €40,000 f'Għawdex għal first time buyers ta' dawn il-propjetà. Sabiex niżguraw li l-għan aħħari ta' din il-miżura jkun qed jintlaħaq bis-sħiħ, se jsiru xi emendi legali u regolatorji intiżi sabiex inaqqsu l-abbuż u jtejbu l-operat.

## Tisħiħ tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-Gvern jara l-ħtieġa li jsir tiġdid fil-mod kif jiġu reġistrati t-titoli tal-propjetajiet. Għal dan il-għan ser inkunu qed nimbarkaw fuq proċess ta' tisħiħ tar-reġistru tal-artijiet kemm permezz ta' tiġdid leġiżlattiv kif ukoll dak amministrattiv.

Ser tkun ukoll qed titnieda skema biex ċnus temporanji ta' propjetajiet ikunu jistgħu jiġu mifdija. Din l-iskema ser twessa' l-eliġibilità fuq skemi preżenti u passati filwaqt li ser jiġu introdotti kriterji biex il-fidi ta' ċnus isir b'aktar faċilità u aktar propjetajiet b'użu residenzjali jsiru freehold.

It-tisħiħ fil-qafas legali li jirregola l-istruttura amministrattiva tal-Uffiċċju Konġunt u li daħal fis-seħħ ftit tal-ġimgħat ilu huwa intiż biex isaħħaħ il-ħidma ta' dan l-istess Uffiċċju. L-għan huwa li tiżdied l-effiċjenza fil-proċess ta' reġistrazzjoni ta'

artijiet u propjetajiet mgħoddija lill-Gvern mingħand entitajiet Ekkleżjastiċi.

Din il-ħidma ser twassal biex jiġi konkluż proċess li nbeda aktar minn 30 sena ilu u li l-propjetajiet li nkisbu bi ftehim bejn il-Gvern u s-Santa Sede fl-1991 jingħaddu taħt ir-responsabbiltà u l-amministrazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet.

## Insaħħu d-drittijiet ċivili, l-ugwaljanza u d-djalogu

Sur President, fil-qasam tad-drittijiet ċivili u l-ugwaljanza dan il-Gvern għandu track record li jista' jiftaħar bih għaliex huwa mudell għal bosta pajjiżi.

Malta għamlet avvanzi kbar f'dan il-qasam hekk li għad-9 sena kklassifikat fl-ewwel post fir-Rainbow Map Ewropea dwar id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+. Is-sena d-dieħla ser jibda l-proċess għar-rinnovar ta' post tal-Gvern fil-Belt biex iservi ta' hub sabiex jipprovdi diversi servizzi psikosoċjali għal membri tal-komunità LGBTIQ+ u l-familji tagħhom.

Ser inkomplu naħdmu biex inwettqu proposta oħra tal-Manifest Elettorali li tneħħi l-inġustizzja li nisa Maltin ikollhom iħallsu taxxa fuq prodotti sanitarji li huma essenzjali għal saħħithom. Wara li s-sena l-oħra allokajna €0.5 miljun biex nibdew nipprovdu dawn il-prodotti fl-iskejjel bħala proġett pilota, issa ser neliminaw it-taxxa fuq il-prodotti sanitarji billi nnaqsu r-rata tal-VAT fuq dawn il-prodotti essenzjali għal 0%. Dan it-tnaqqis fit-taxxa se japplika wkoll għal aċċessorji mediċi għan-nisa relatati mal-fejqan tal-marda tal-kanċer.

Dan il-budget ser ikompli jsaħħaħ ir-riformi li qegħdin jagħmlu differenza bit-twettiq tal-Istrateġija Nazzjonali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ugwaljanza kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, u l-Istrateġija kontra t-Traffikar tal-Bnedmin.

Irridu nsaħħu wkoll id-djalogu soċjali billi d-diskussjoni f'pajjiżna mhux biss tkun waħda attiva u dinamika, imma li tkun xprunata u bbażata fuq riċerka. Għalhekk ser inkunu qegħdin inwaqqfu aġenzija dwar konsultazzjoni pubblika u riċerka li tolqot l-imsieħba soċjali. Din l-Aġenzija ser tkun responsabbli li tikkoordina, tmexxi u tiffaċilita r-riċerka speċjalment fuq temi li jkunu qegħdin jiġu diskussi fuq livell Ewropew. Se naraw ukoll li jinħatar Kap Eżekuttiv biex l-amministrazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (l-MCESD) titmexxa b'mod aktar effettiv.

## Ninvestu fl-arti, il-kultura u l-wirt nazzjonali tagħna

L-arti u l-kultura, mhux biss isebbħu pajjiż, mhux biss jindukraw il-wirt nazzjonali tagħna, iżda joħolqu ġid ekonomiku li minnu jgawdu n-nies u l-lokalitajiet tagħna.

Se nsemmi ftit, mill-ħafna, xogħlijiet li twettqu u nagħti ħarsa ħafifa lejn dak li se jitwettaq fl-2025.

Insemmi l-Biennale tal-Arti ta' Venezja u l-Biennale tad-Disinn ta' Londra, il-kisba importanti fejn il-Festa Maltija ġiet rikonoxxuta bħala patrimonju ħaj tal-UNESCO, il-Culture Pass, il-unit ġdid li jiffoka fuq il-Belt Valletta bħala Patrimonju Dinji tal-UNESCO, il-

fond għall-proġetti ta' restawr ta' wirt kulturali mobbli fil-knejjes u restawr tas-swar, u l-fortifikazzjonijiet ġewwa l-Kottonera.

Dalwaqt ser jingħata bidu għax-xogħol ta' konsolidazzjoni strutturali u konservazzjoni tal-akwedotti li qegħdin fit-triq li mir-Rabat, Għawdex tieħu għal Ta' Pinu u se jsiru interventi ta' emerġenza f'Għar Gerduf. Barra minn hekk, permezz ta' EkoGħawdex, il-Gvern b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali nieda wkoll skemi ta' restawr ta' postijiet u niċeċ ta' valur storiku jew artistiku fl-irħula Għawdxin.

Barra minn hekk, bl-iskop li nkomplu nsaħħu l-Karnival f'Għawdex bħala attività kulturali li tiġbed udjenza minn Għawdex, Malta u barra minn xtutna, reġgħet tnediet skema li permezz tagħha ser ngħinu finanzjarjament lil individwi/organizzazzjonijiet biex jikru fond li jkun jista' jintuża sabiex fih jinbnew il-karrijiet u l-maskri grotteski.

Se tibda l-ewwel fażi tal-proġett tal-Culture Hub fil-Marsa, waħda mill-wegħdiet il-kbar tal-Manifest Elettorali, b'allokazzjoni ta' €15-il miljun minn Fondi Ewropej.

Għas-sena d-dieħla, l-allokazzjoni finanzjarja lil Creative Malta se tiżdied għal €2 miljuni sabiex inkunu ta' sapport għal produtturi tal-films lokali u b'hekk nippromwovu l-industrija tal-films Maltin.

Ser ikompli l-investiment fl-Aġenzija Nazzjonali Ġdida għall-Arti tal-Ispettaklu filwaqt li se jiġi mtejjeb il-PBS permezz tal-bini ta' studjo kbir u modern fuq is-sit ta' Malex House, u r-rinnovazzjoni ta' Television House.

Se jsiru aktar proġetti ta' restawr f'Villa Portelli, Villa Guardamangia, il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Katakombi ta' San Pawl, u t-Teatru Manoel, filwaqt li jibdew numru ta' proġetti li jsaħħu l-wirt kulturali permezz tal-Iskema tar-Restawr.

Is-sena d-dieħla se jitkompla wkoll ix-xogħol fuq il-bini tal-Mużew ta' Għawdex li ser ikun mużew interattiv li jiġbor taħt saqaf wieħed xogħlijiet artistiċi ta' din il-gżira.

**Insaħħu r-relazzjonijiet internazzjonali**

Nistgħu ngħidu li din is-sena hija sena storika li tagħti ġieħ qawwi lis-60 sena ta' Malta Indipendenti u 50 sena ta' Malta Repubblika.

Is-servizz diplomatiku Malti wera ħila kbira billi matul din is-sena Malta serviet bħala Membru Elett fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda, kif ukoll għall-ewwel darba fl-istorja, Malta qed isservi bħala President tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Paċi fl-Ewropa (l-OSCE).

Wara li f'Ġunju 2022 Malta ġiet eletta bħala membru mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda għall-perjodu 2023-2024, il-ħidma ta' pajjiżna fuq dan il-Kunsill kompliet titwettaq tul din is-sena. Il-ħidma hija ffukata fuq 3 prinċipji importanti: is-sigurtà, is-sostenibbiltà u s-solidarjetà.

Malta issa qed tħares 'il quddiem biex tilqa' l-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-pajjiżi l-oħra kollha fi ħdan l-OSCE f'Summit tal-Ministri li se jkun jimmarka l-akbar konferenza internazzjonali li

qatt ittellgħet f'pajjiżna. Dan is-summit se jsir f'Malta bejn l-4 u s-6 ta' Diċembru li ġej.

Bejn Mejju u Novembru tas-sena d-dieħla, Malta se tkun qed tippresiedi l-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu. Hawnhekk pajjiżna mistenni jkun qed jippresjedi l-Kumitat tal-Ministri li huwa magħmul mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri.

Dan kollu, Sur President, jixhed il-fiduċja li jgawdi pajjiżna minn madwar id-dinja kollha. Dan huwa ċertifikat b'saħħtu kif Malta mhux biss kapaċi tmexxi lil niesha, iżda kapaċi tieħu t-tmexxija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u bis-saħħa ta' hekk tikteb ġrajjiet ġodda li jagħtu ġieħ lil art twelidna.

## Konklużjoni

Sur President,

F'dawn l-aħħar budgets tajna ħafna lill-pajjiż.

Fi żminijiet iebsa, dan il-Gvern kien hemm għalik.

Fi żminijiet iebsa, m'għamilniex kif għamel ħaddieħor u sallabna poplu.

Is-suċċess ekonomiku tal-aħħar 10 snin ħalla ħafna riżultati:

- Ta opportunitajiet lil min irid jibda negozju
- Il-qgħad hu xi ħaġa tal-passat
- Ilħaqna l-ogħla rata ta' nisa jaħdmu
- Offra impjieg u dinjità lil persuni b'diżabilità
- Sal-aħħar ta' din il-leġiżlatura nkunu l-pajjiż bl-ogħla persentaġġ ta' nies jaħdmu fl-Unjoni Ewropea

Iżda dan ma jfissirx li għandna nieħdu l-ekonomija tagħna for granted. Dawk il-pajjiżi li ma jifhmux il-kumplessitajiet tal-isfidi quddiemhom, se jiffaċċjaw konsegwenzi fil-futur tagħhom.

Rajna x'ġara f'pajjiżi oħra Ewropej li tefgħu l-piż fuq nieshom.

Illum id-dell tar-riċessjoni u l-awsterità ġie fuqhom.

Rajna x'ġara fir-Renju Unit. Brexit kellu l-għan li jnaqqas il-migrazzjoni ekonomika. Illum żdiedet b'iktar mid-doppju minn qabel Brexit.

Rajna x'ġara fl-Ewropa li qed titlef it-tiġrija mal-ekonomija Ċiniża u dik Amerikana.

Id-destin jibqa' f'idejna biss, jekk nieħdu d-deċiżjonijiet it-tajba.

Rajna x'ġara f'pajjiżi bħall-Greċja.

Il-biża' ta' kull Ministru tal-Finanzi.

Jiġi Brussell u jgħidlek aqta' l-mediċina b'xejn lill-anzjani.

Jiġi Brussell u jgħidlek aqta' s-saħħa b'xejn.

Jiġi Brussell u jgħidlek aqta', aqta' u aqta' għax ma kontux bil-għaqal.

L-iktar li qatt konna viċin dan il-punt kien fi żmien ħaddieħor. Huma kienu l-Gvern tal-awsterità.

Dan il-Gvern garanzija ta' serħan il-moħħ fit-tmexxija tal-finanzi tal-pajjiż.

Dan huwa Gvern li jiġi quddiemek u jgħidlek li l-għalliema tat-tfal tagħna tajnihom l-ikbar żieda fl-istorja.

Dan huwa Gvern li jiġi quddiemek u jgħidlek li l-infermiera tagħna tajnihom żidiet sostanzjali.

Dan il-Gvern jiġi quddiemek bi tnaqqis fit-taxxa u żieda oħra fil-pensjonijiet.

Għalhekk irridu nkunu sodi. Għalhekk irridu nuru viżjoni u perseveranza.

Il-futur ma jistenna lil ħadd. U ejja ma naħsbux li se jistenna lilna.

Din it-tikka ta' pajjiż f'nofs dan il-baħar huwa miraklu ekonomiku.

Tħallu lil ħadd ineħħihilkom minn moħħkom.

Il-Perit Mintoff kien jgħid: "Malta trid titgħallem tieqaf fuq saqajha".

Waqfet fuq saqajha, u telqet tiġri.

Dan pajjiż rebbieħ.

Dan pajjiż ħieles.

U biex jibqa' ħieles irid jibqa' joħloq il-ġid.

Hija cliche li tgħid m'aħniex perfetti.

Jiena ngħid kellna nagħmlu aħjar.

Imma issa rridu nħarsu 'l quddiem.

Flimkien. Magħqudin. Poplu wieħed.

Il-futur ta' għada jitlob riċetta differenti minn tal-passat.

Jitlob riċetta ta' kwalità u mhux ta' numri.

Għalhekk issa wasal iż-żmien li nagħlqu dan il-kapitlu.

Kapitlu li tana r-riżultati, iżda li llum, minn għada stess huwa destinat għal passat.

In-nies iriduna nħarsu lejn il-futur.

B'kuraġġ.

B'reżiljenza.

Għaliex kull min iddubita fil-kapaċità ta' dan il-pajjiż dejjem tilef.

Jiena nemmen f'Malta.

Jiena nemmen fil-poplu tagħna.

Jiena nemmen f'pajjiżi.

Issa wasal il-waqt li nibdew il-vjaġġ li jmiss.

Vjaġġ li għandu jwassalna sabiex nagħmlu l-qabża li jmiss għal żvilupp ekonomiku aħjar.

Hemm bżonn li nibnu l-pajjiż ta' għada.

Il-futur jibda hawn.

Jien irrid nara:

Pajjiż li joffri serenità.

Pajjiż isbaħ.

Pajjiż modern.

Pajjiż li joffri futur aħjar lill-uliedna.

Pajjiż li joffri opportunitajiet u ħajja aħjar liż-żgħażagħ.

Pajjiż li joffri serħan il-moħħ lill-anzjani tagħna.

Pajjiż ta' kwalità.

*STATEMENT* A

**DĦUL 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 2,542,000,000 | 2,763,000,000 | 221,000,000 | - | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| | Sigurtà Soċjali | 1,530,000,000 | 1,531,000,000 | 1,000,000 | - | B'riżultat tal-qagħda ekonomika mistenni jimmaterjalizza dħul akbar taħt il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 333,200,000 | 320,075,000 | - | 13,125,000 | Dħul anqas mistenni sal-aħħar tas-sena, meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut bhala rizultat ta' dħul anqas prinċipalment taħt *Import Duty - Ad Valorem, Petroleum, Cement* u *Construction components and Other Fixtures* . |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 392,775,000 | 430,000,000 | 37,225,000 | - | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena, taħt *Duty on Documents,* mit-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-vetturi u *Annual circulation licence fees* . Madanakollu, dħul anqas huwa mistenni taħt *Gaming Taxes* . |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 1,454,000,000 | 1,486,000,000 | 32,000,000 | - | B'riżultat tal-qagħda ekonomika, mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena, meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **6,251,975,000** | **6,530,075,000** | **278,100,000** | | |

***STATEMENT A***

**DĦUL 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 106,914,667 | 114,026,994 | 7,112,327 | - | Mistenni dħul nett akbar sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit u kif jidher ma' dak rivedut bhala riżultat ta' dħul ogħla taħt *Granting of Citizenship for Exceptional Services* u *Residency Malta Agency.* Madankollu, dħul anqas huwa mistenni taħt *Attestations, Certificates, Permits, Environmental Contribution, Infrastructure Fees* u *Concession Fees.* |
| Bejgħ | 87,563,000 | 95,563,000 | 8,000,000 | - | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena prinċipalment taħt *Homes/Institutions for the Elderly.* |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 4,683,000 | 4,683,000 | - | - | |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 15,000,000 | | - | 15,000,000 | Mħux mistennija trasferimenti sal-aħħar tas-sena mill-Bank Ċentrali ta' Malta. |
| Kera | 34,000,000 | 30,660,000 | - | 3,340,000 | Mistenni dħul anqas sal-aħħar tas-sena taħt *Rent of Non-Residential Tenements* u kirjiet kummerċjali. |

*STATEMENT A*

**DĦUL 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR (ikompli)** | | | | | |
| Profitti minn Investimenti | 61,750,000 | 62,497,199 | 747,199 | - | L-istima riveduta għas-sena tirrifletti id-dħul mistenni minn *Dividends* fil-Fond Konsolidat. |
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 276,000 | 1,006,000 | 730,000 | - | Mistenni dħul akbar mill-interessi fuq self lir-Repubblika Ellenika. |
| Għotjiet Barranin | 182,570,000 | 338,178,000 | 155,608,000 | - | Id-differenza fid-dħul għal din is-sena ġejja mir-rimborż mill-Unjoni Ewropea taħt il-programmi varji. |
| Dħul Mixxellanju | 11,556,000 | 11,556,000 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **504,312,667** | **658,170,193** | **153,857,526** | | |
| **DĦUL TOTALI** | **6,756,287,667** | **7,188,245,193** | **431,957,526** | | |

*STATEMENT A*

**DĦUL 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Self Lokali | 1,700,000,000 | 1,700,000,000 | - | - | |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 2,784,000 | 2,784,000 | - | - | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 889,000 | 0 | - | 889,000 | Għas-sena 2024 jirrizulta li dħul minn bejgħ ta' ishma mhux dovut. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **1,703,673,000** | **1,702,784,000** | | **889,000** | |
| **DĦUL GLOBALI** | **8,459,960,667** | **8,891,029,193** | **431,068,526** | | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 5,477,000 | 5,307,000 | - | 170,000 | Mistenni li jkun hemm anqas infiq fil-*Personal Emoluments* . |
| 2 Kamra tad-Deputati | 12,520,000 | 12,520,000 | - | - | |
| 3 Uffiċċju tal-Ombudsman | 1,486,000 | 1,486,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 4,000,000 | 4,000,000 | - | - | |
| 5 Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika | 450,000 | 450,000 | - | - | |
| 6 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 59,430,000 | 56,536,000 | - | 2,894,000 | Mistenni inqas infiq taħt il-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* prinċipalment riżultat ta' tibdil f' dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 7 Informazzjoni | 1,525,000 | 1,578,000 | 53,000 | - | |
| 8 Stamperija tal-Gvern | 1,975,000 | 1,995,000 | 20,000 | - | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 Uffiċċju Elettorali | 9,361,000 | 12,454,000 | 3,093,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Electoral Commission Activities*). |
| 10 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 817,000 | 863,000 | 46,000 | - | |
| 11 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 2,236,000 | 2,435,000 | 199,000 | - | Spiża ogħla mistennija li tkun irreġistrata taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Allowances*) sal-aħħar tas-sena. |
| 12 Ministeru għas-Saħħa | 1,016,271,000 | 1,042,245,000 | 25,974,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Allowances*), li se tkun ikkumpensata bi spiża inqas taħt is-*Salaries and Wages.* Spiża ogħla mistennija ukoll taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (*Transport* u *Contractual Services*) minħabba spejjez ogħla f'dawn l-oqsma. |
| 13 Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 70,719,000 | 81,236,000 | 10,517,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija *Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances*) kif ukoll dik tal-*Programmes and Initiatives* (*Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija*, *Public Service Obligation - PBS Ltd*, *National Celebrations Foundation* kif ukoll *Malta Biennale*). Spiża ogħla mistennija wkoll taħt il-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (*National Agency for Performing Arts*). |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 Gvern Lokali | 61,489,000 | 63,135,000 | 1,646,000 | - | Spiża ogħla mistennija fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Allocation to Regional Committees*) biex tkopri spejjez f'dan il-qasam. |
| 15 Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ | 58,616,000 | 68,327,000 | 9,711,000 | - | Spiża ogħla hija mistennija fil-kategorija tal-*Personal Emoluments (Allowances),* fil-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Rent, Travel u International Memberships*) u fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives (Organisations for Security and Co-operation in Europe)* . |
| 16 Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 67,821,000 | 75,042,000 | 7,221,000 | - | Fondi supplimentari huma meħtiega sal-aħħar tas-sena taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Allowances*) u tal-*Contributions to Government Entities* (*Foundation for Social Welfare Services*) li parti minnha tkun ikkumpensata minn nuqqas ta' spiża taħt *Welfare Committee* fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* riżultat ta' tibdil f' dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 17 Politika Soċjali | 518,989,000 | 518,966,000 | - | 23,000 | |
| 18 Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali | 1,492,355,000 | 1,492,355,000 | - | - | |
| 19 Pensjonijiet | 104,225,000 | 108,225,000 | 4,000,000 | - | Antiċipata żieda f'l-ispiża li ġejja mill-pensjoni intitolata li ex-ħaddiema. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | 74,933,000 | 78,589,000 | 3,656,000 | - | Fondi supplimentari huma meħtieġa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages and Allowances)* kif ukoll taħt il-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Repair and Upkeep and Contractual Services).* |
| 21 Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 48,784,000 | 50,613,000 | 1,829,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt il-kategoriji tal-*Personal Emoluments* u *Operational and Maintenance Expenses,* kif ukoll taħt *Housing Programmes* fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives.* |
| 22 Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet | 59,900,000 | 89,194,000 | 29,294,000 | - | Żieda fl-ispiża taħt dan il-Vot hija riżultat ta' tibdil f' dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 23 Kummerċ | 2,026,000 | 1,985,000 | - | 41,000 | |
| 24 Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur | 63,040,000 | 55,435,000 | - | 7,605,000 | Nefqa anqas mistennija taħt il-kategoriji tal-*Programmes and Initiatives* u *Contributions to Government Entities* riżultat ta' tibdil f' dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali | 124,221,000 | 130,502,000 | 6,281,000 | - | Qed tiġi mbassra nefqa akbar taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments*, b'mod partikolari taħt *Salaries and Wages* u *Allowances*. Spiża ogħla mistennija wkoll taħt l-*Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services* u *Professional Services*) u taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives (Shore to Ship Supply, Public Service Obligations* u *Tal-Linja Card)*. Parti minnha se tkun ikkumpensata minn infiq anqas fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities,* wara li xi entitajiet ġew trasferiti għall-Ministeri oħra, riżultat ta' tibdil f' dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 26 Ministeru għal Għawdex | 64,187,000 | 66,741,000 | 2,554,000 | - | L-ispiża relatata mal-*Personal Emoluments (Salaries and wages u Allawances)* mistennija tkun iżjed minn dik oriġinali. Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Programmi u Inizjativi *(Environment and Planning Review Tribunal)* li daħlet fis-seħħ riżultat ta' tibdil fid-dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza | 75,530,000 | 142,479,000 | 66,949,000 | - | Aktar fondi huma meħtieġa taħt il-Kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* speċjalment taħt *Incidental Expenses*, kif ukoll fil-kategoriji ta' *Programmes and Initiatives* u *Contributions to Government Entities,* li gew trasferiti minn Ministeru ieħor. Parti minnha se tkun ikkumpensata minn spiża anqas taħt *Salaries and Wages* u programmi u entitajiet relatati mar-Riformi u l-Ugwaljanza, li ġew trasferiti lejn Ministeru ieħor, wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 28 | Forzi Armati ta' Malta | 77,225,000 | 80,288,000 | 3,063,000 | - | L-ispiża taħt *Salaries and Wages* u *Allowances* mistennija tkun aktar mill-istima oriġinali, skont il-bżonnijiet attwali. |
| 29 | Pulizija | 100,126,000 | 103,864,000 | 3,738,000 | - | Qed tiġi mbassra nefqa akbar taħt *Allowances* u *Overtime*. Din se tigi parzjalment ikkumpensata b'nefqa anqas taħt *Salaries and Wages.* |
| 30 | Probation and Parole | 1,542,000 | 1,548,000 | 6,000 | - | |

**STATEMENT B**

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 31 Protezzjoni Ċivili | 11,886,000 | 13,144,000 | 1,258,000 | - | Mistenni li jkun hemm żieda fil-kategorija tal-*Personal Emoluments (Salaries and Wages, Social Security Contributions* u *Overtime*) u taħt il-kategorija tal-*Operations and Maintenance Expenses* (*Materials and Supplies* u *Transport*). |
| 32 Ministeru għat-Turiżmu | 148,492,000 | 156,827,000 | 8,335,000 | - | Mistenni li jkun hemm żieda fil-fondi għall-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Allowances*), l-kategoriji tal-*Operations and Maintenance Expenses (Contractual Services)* u fil-*Contributions to Government Entities* (*Malta Film Commission*). |
| 33 Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża | 578,604,000 | 409,484,000 | - | 169,120,000 | Nefqa anqas mistennija taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* taħt *Salaries and Wages*, *Social Security Contributions* u *Allowances*, kif ukoll taħt l-*Energy Support Measures* fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*, skont il-bżonnijiet attwali. |
| 34 Ambjent Malta | 17,829,000 | 18,383,000 | 554,000 | - | Qed tiġi mbassra żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments (Salaries and Wages)* sal-aħħar tas-sena. |

**STATEMENT B**

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 35 Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol | 319,662,000 | 313,613,000 | - | 6,049,000 | Spiża mnaqqsa mistennija taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*, li tirriżulta mit-tibdil fir-responsabbiltajiet tal-Ministeri li saret aktar kmieni din is-sena. |
| 36 Politika Ekonomika | 2,108,000 | 2,053,000 | - | 55,000 | |
| 37 It-Teżor | 46,765,000 | 59,703,000 | 12,938,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-*Personal Emoluments* li rriżultat miż-żieda f' allowances, kif ukoll fil-*Programmes and Initiatives* (*Expenses linked to the issuance of Malta Government Stocks*) li parti minnha tkun ikkumpensata bi spiża anqas fil-*Compensation Payment by Government,* li ġiet trasferita taħt Ministeru ieħor. |
| 38 Ħlasijiet fuq Self | 795,560,000 | 786,560,000 | - | 9,000,000 | L-ispiża taħt l-item *Local Borrowing - Interest (MGS)* mistennija tkun anqas mill-istima oriġinali. |
| 39 Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta | 48,129,000 | 52,812,000 | 4,683,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services u Professional Services*). |

**STATEMENT B**

**NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 40 Kuntratti | 3,518,000 | 3,183,000 | - | 335,000 | Spiża anqas mistennija taħt il-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* u *Social Security Contributions* ). |
| 41 Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 418,316,000 | 460,523,000 | 42,207,000 | - | Żieda fl-ispiża taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* minħabba żieda fl-allokazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja biex tagħmel tajjeb għar-reviżjonijiet li saru bħala riżultat tal-ftehim settorali tal-edukazzjoni mal-Gvern. |
| 42 Edukazzjoni | 429,303,000 | 495,357,000 | 66,054,000 | - | Żieda fl-ispiża taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* minħabba l-arretrati tal-2023, kif ukoll tas-sena kurrenti, riżultat tal-ftehim settorali tal-edukazzjoni mal-Gvern. |
| 43 Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar | 41,472,000 | 46,258,000 | 4,786,000 | - | Żieda hija mistennija prinċipalment fl-*Allowances* u fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Maintenance of the Ta' Qali National Park* u *Charges on Property Transferred from the Church)* u fil-*Contributions to Government Entities (Lands Authority* u *Land Registration Agency)* minħabba li xi responsabbiltajiet ġew trasferiti minn Ministeru ieħor, wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali li sar aktar kmieni din is-sena. Parti minnha se tkun ikkumpensata minn spiża anqas fis-*Salaries and Wages,* kif ukoll minħabba li xi programmi u entitajiet gew trasferiti għall-Ministeri oħra. |

## STATEMENT B
## NEFQA RIKORRENTI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 44 Ministeru għall-Ġustizzja | 50,674,000 | 66,164,000 | 15,490,000 | - | Spiża ogħla mistennija fil-kategoriji tal-Personal Emoluments (*Allowances*), Operational and Maintenance Expenses (*Professional Services*) kif ukoll żieda fil-*Building and Construction Initiatives* taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives. Barra minn hekk, mistennija żieda fl-infiq fil-kategorija tal-Contributions to Government Entities (*Building and Construction Authority* u *Occupational Health and Safety Authority*). Dawn tal-aħħar ġew trasferiti minn Ministeru ieħor, riżultat ta' tibdil f' dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 45 Ministeru għall-Anzjanità Attiva | 274,222,000 | 293,448,000 | 19,226,000 | - | Nefqa akbar hija mistennija fil-kategorija tal-*Personal Emoluments (Allowances* u *Overtime)*, taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* ( *Contrac Services*), kif ukoll żieda fil-*Home Care/Help Services Scheme* fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives.* Fondi gew allokati taħt l-Welfare Committee li ġie trasferit minn Ministeru ieħor riżultat ta' tibdil f' dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **7,367,816,000** | **7,527,905,000** | **160,089,000** | **-** | |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| I Uffiċċju tal-President | 521,000 | 521,000 | - | - | |
| II Kamra tad-Deputati | 781,000 | 781,000 | - | - | |
| III Uffiċċju tal-Prim Ministru | 43,117,000 | 50,787,000 | 7,670,000 | - | Hija antiċipata spiża akbar taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 (*Ministry*). Mistennija spiża anqas taħt *National Recovery and Resilience Plan.* |
| IV Ministeru għas-Saħħa | 81,250,000 | 70,284,000 | - | 10,966,000 | Spiża anqas hija antiċipata taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020, *National Recovery and Resilience Plan, Institutional Health Care* u *Property, Plant and Equipment* ( *Health Care Services* ). |
| V Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali | 41,070,000 | 57,100,000 | 16,030,000 | - | Mistennija żieda fil-fondi prinċipalment taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 u (*Ministry*) *Culture and the Arts* . |
| VI Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ | 7,183,000 | 5,183,000 | - | 2,000,000 | Mistennija spiża anqas taħt il-*Property, Plant and Equipment.* |
| VII Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 4,885,000 | 7,052,000 | 2,167,000 | - | Hija antiċipata spiża aktar prinċipalment taħt *ICT - Software* u taħt *il-Property, Plant and Equipment (FSWS).* |

## STATEMENT Ċ
## NEFQA KAPITALI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VIII | Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | 39,436,000 | 44,264,000 | 4,828,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt *Property, Plant and Equipment* (Affarijiet Rurali), *European Agricultural Guarantee Fund 2021-2027* u *European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020*. Mistennija spiża inqas taħt *European Maritime, Fisheries and Aquaculture Fund 2021-2027* u *Development of Control Hub*. |
| IX | Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 233,000 | 733,000 | 500,000 | - | Hija antiċipata spiża akbar taħt l-Fondi Strutturali 2014-2020. |
| X | Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet | 63,030,000 | 173,033,000 | 110,003,000 | - | Spiża akbar hija mistennija taħt l-INDIS Malta-*Infrastructural Investment Programme, Malta Enterprise-Investment Incentives* u *EU Funds*. Bħala riżultat ta' tibdil fil-ministeri, l-ispiża relatata mal-Awtorita' tal-Artijiet u l-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet kienet trasferita fuq ministeru ieħor. |
| XI | Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur | 4,596,000 | 4,359,000 | - | 237,000 | |
| XII | Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali | 143,134,000 | 201,017,000 | 57,883,000 | - | In-nefqa mistennija tkun akbar taħt il-proġetti relatati mat-toroq u l-proġetti tal-EU prinċiparjament il-*Cohesion Fund 2014-2020 Programme*, *National Recovery and Resilience Plan*, *Just Transition Fund 2021 - 2027*, u l-*Cohesion Fund 2021 - 2027*. Nefqa nqas mistennija taħt il-proġett relatat mar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-Kumpless tar-Rugby f'Kordin minħabba li dawn ġew trasferuti taħt Ministeru ieħor. |

**STATEMENT Ċ**

**NEFQA KAPITALI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XIII | Ministeru għal Għawdex | 19,953,000 | 20,531,000 | 578,000 | - | Mistennija spiża netta akbar relatata mal-proġetti tal-*Eco Gozo* . |
| XIV | Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza | 50,330,000 | 59,452,000 | 9,122,000 | - | Minkejja li mistennija spiża akbar relatata ma' *Property, Plant and Equipment* tal-Ministeru, Pulizija, Protezzjoni Ċivili u *ICT-Support* , in-nefqa mistennija tkun anqas taħt *Property, Plant and Equipment* (AFM). |
| XV | Ministeru għat-Turiżmu | 44,571,000 | 46,247,000 | 1,676,000 | - | Żieda netta fl-ispiża hija mistennija taħt *Charging Pillars for Public Sector Electric Fleet* u taħt *Property, Plant and Equipment (Cleansing and Maintenance Division).* |
| XVI | Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża | 213,251,000 | 207,727,000 | - | 5,524,000 | Minkejja li mistennija nefqa akbar taħt *Energy Infrastructure* , *Charging Pillars Infrastructure* , *Energy-related Embellishment Public Projects* , *Cohesion Funds 2014-2020* and *Structural Funds 2021-2027* , nefqa anqas hija antiċipata taħt *Urban Greening* , *WasteServ Malta Ltd* u *Waste to Energy Facility.* In-nefqa mistennija tkun inqas taħt l-*Investment Incentives (Malta Enterprise)* minħabba li ġie trasferit taħt Ministeru ieħor, filwaqt li mistennija nefqa ikbar taħt il-proġett relatat mar-riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir wara li ġie trasferit taħt dan il-Ministeru. |
| XVII | Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol | 236,001,000 | 267,723,000 | 31,722,000 | - | Zieda fin- nefqa hija anticipata taht l-*Investment-Equity Acquisition* . |
| XVIII | Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 91,553,000 | 85,744,000 | - | 5,809,000 | Spiża anqas hija mistennija taħt proġetti li jaqgħu taħt il-Fondi Strutturali fost oħrajn. |

## STATEMENT Ċ
## NEFQA KAPITALI 2024: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XIX | Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar | 20,672,000 | 27,720,000 | 7,048,000 | - | In-nefqa mistennija tkun akbar taħt il-*Property, Plant and Equipment* u l-*Enhancement of Public Areas* filwaqt li mistennija nefqa inqas taħt il-*Property, Plant and Equipment* (BCA) and (OHSA) peress li dawn ġew trasferiti taħt Ministeru ieħor. Il-bidla li saret fil-Ministeri iktar kmieni din is-sena rriżultat f'nefqa ikbar taħt l-Awtorita' tal-Artijiet u l-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet minħabba li kienu ġew trasferiti taħt dan il-Ministeru. |
| XX | Ministeru għall-Ġustizzja | 9,328,000 | 9,392,000 | 64,000 | - | Żieda fin-nefqa mistennija taħt l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol - *Property, Plant and Equipment* u spiża anqas hija anticipata taħt *Asset Recovery Bureau* u taħt *Court Services Agency* . |
| XXI | Ministeru għall-Anzjanità Attiva | 4,620,000 | 4,598,000 | - | 22,000 | |
| | **NEFQA KAPITALI TOTALI** | **1,119,515,000** | **1,344,248,000** | **224,733,000** | - | |